# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 4**

**Rikors numru 27/16 MH**

**Joseph Bartolo**

**v.**

**Avukat Generali**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur [l-appellant] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fil-25 ta' April 2018 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-tabiet tal-attur, bl-ispejjez a kariku tieghu, liema talbiet jaqraw hekk:

"(1) *Tiddikjara li fuq il-fatti hawn esposti, hemm diversi vjolazzjonijiet tal-Artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artiklu 38 tal-Kostituzzjoni.*

"(2) *Thassar il-kundanna fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Frar, 2016 kontra r-rikorrenti.*

"(3) *Taghtih kumpens xieraq ghall-vjolazjonijiet lamentati.*

"*Bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Fatti

2. Il-fatti relevanti huma dawn. Fis-7 ta' Novembru 2013 il-pulizija harrket lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] Bhala Qorti Istruttorja sabiex iwiegeb ghal sitt reati li fit-tahrika tal-kawza gew imfissra hekk:

"i. Akkużat talli fit-12 ta' Ottubru 2012, u fiz-zmien ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, caqlaqt illegalment annimali u dan bi ksur tal-**artikolu 35(c)(iii) (recte 35(1)(c) (iii) tal-Kap 437**;

"ii. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nqast milli tidentifika l-klieb fil-pussess tieghek, skond l-**Artiklu 4 tal-Ligi Sussidjarja** taht **Kapitlu 437**;

"iii. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammejt majjali skond **Artiklu 5 tal-Ligi Sussidjarja 28** taht **Kapitlu 32 (recte 36), Ordinanza Dwar it-Tharis Mill-Mard**;

"iv. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammejt annimali fi stat hazin; bi ksur ta' **Artiklu 8(2)(3) u Artiklu 31 tal-Kapitlu 439, Trattament xieraq tal-annimali**;

"v. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sirt recediv b'sentenzi moghtija lilek quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta;

"vi. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirt kundizzjoni mposta fuqek mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta;"

3. B'sentenza tas-6 ta' Novembru 2014 il-Qorti tal-Magistrati [Malta] Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lir-rikorrenti hati tal-akkuzi kollha maghmula kontra tieghu hlief ghal zewg akkuzi fuq markati [iii] u kkundannatu jhallas piena ta' multa fl-ammont komplessiv ta' €7,000. Dik il-Qorti sabitu hati, inter alia, a tenur tal-artikoli segwenti: l-Artikolu 35[c][iii] tal-Kap.437, l-Artikoli 8[2][3], 31, 45 u 46 tal-Kap.439, l-Artikolu 5 tal-L.S.36.28, l-Artikoli 4 u11 tal-L.S.437.101

4. Huwa appella minn dik is-sentenza, izda l-Qorti tal-Appell b'sentenza moghtija fit-18 ta' Frar 2016 cahdet l-appell tieghu u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati sussegwentement l-appellant istitwixxa l-proceduri kostituzzjonali odjerni.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' ligi:

> "**Allegat ksur tal-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni**
>
> "Skont dawn iz-zewg artikoli, hija biss ligi li tista' validament tiddefinixxi reat u timponi l-piena applikabbli ghalih.
>
> "L-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni jghid hekk –
>
>> *""Hadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.""*

"L-artikolu korrispettiv tieghu fil-Konvenzjoni, l-artikolu 7 (1) jipprovdi li -

*""(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.""*

"Fil-kaz **Concetta Decelis et vs Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern et deciz fid-9 ta' Dicembru 2010**[1] din il-Qorti diversament preseduta elenkat il-principji applikabbli ghall-artikolu 7 appena citat, liema principji naturalment japplikaw ukoll ghall-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni -

*""Illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi li:-*

*""No one shall be guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed.""*

"*Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti qed jinvokaw t-tnejn miz-zewg principji separati li insibu protetti f'dan l-artikolu li jistghu jigu kkunsidrati bhala il-bazi tal-principju dwar tar-Rule of Law u dawn jikkonsistu fis-segwenti:- "1. A criminal conviction can only be based on a norm which existed at the time of the incriminating act or omission (nullum crimen sine lege) and 2. On account of the infringement of that norm no heavier penalty may be imposed than the one that was applicable at the time the offence was committed (nulla poena sine lege)". (**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak** – pagni 651/2).*

"*Illi fis-sentenza "**Kafkaris vs Cyprus**" (ECtHR – 12 ta' Frar 2008 intqal hekk:-*

*""1. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is possible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see **S.W. v. the United Kingdom** and **C.R. v. the United Kingdom**, 22 Novembru 1995, Series A no. 355-C, pp.41-42 para. 35, and pp.68 and 69 para. 33, respectively".*

*""2. Accordingly, it embodies in general terms, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege) (see **Kokkinakis v. Greece**, judgment of the 25*

[1] Rik 3/09

> *May 1993, Series A no. 260-A, p. 22, para. 52. While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by anology (**Coeme and Others v. Belgium**, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, para. 145, ECHR 2000-VII; and Achour, cited above, para. 41"."*

"*Illi fil-kawza "**Il-Pulizija vs Lorraine Falzon**", il-Prim Awla tal-Qorti Civili (P.A. (GV) Riferenza Kostituzzjonali 12/2007 - 28 ta' Marzu, 2008) qalet li dan l-artikolu jipprovdi li:-*

> *""(i) huwa projbit li persuna tigi akkuzata b'reat meta fil-mument meta hija kkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta ghal reat , i.e. retroactive application of a criminal offence";*

> *""(ii) persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att";*

> *""(iii) isegwi illi sabiex tkun taf jekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e. "legal certainty"."*

"*Illi inoltre, fil-kaz "**Kokkinakis v. Greece**" ((ECtHR) - 22 ta' Novembru 1995) l-Qorti Ewropeja qalet li l-artikolu 7 joffri, dak li hija sejhet bhala "essential safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment" u spjegat illi:-*

> *""Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual must be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable. (para. 52)"*

> *""It generally entails that the law must be adequately accessible – an individual must have an indication of the legal rules applicable in a given case – and he must be able to foresee the consequences of his actions, in particular, to be able to avoid incurring the sanction of the criminal law. (G v France para 25 where notwithstanding changes in legislation leading to reclassification of the sexual offences of which the applicant was accused, these fell within the scope of the Criminal Code provisions, which were accessible and foreseeable). In terms of the standard of foreseeability, absolute certainty cannot be required, and indeed may be undesirable, entailing the risk of excessive rigidity, since the law has to be able to keep pace with changing circumstances. A standard of 'reasonable foreseeability' is sufficient. (Sunday Times para 49)"."*

"*Illi kif qalet il-Qorti Ewropeja fil kaz "**S.W. u C.R. v United Kingdom**" (ECtHR - 22 Novembru 1995) "judicial interpretation of criminal law provisions was a widespread and even necessary feature. Article 7 cannot be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the*

*resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the 'essence' of the offence. (Kokkinakis para 52 u G v France para 26)".*

"*Illi l-awturi fuq citati* ***van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak*** *fil-ktieb taghhom* ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** *josservaw ukoll li:-*

> *""in addition to the principles of "nullum crimen and nulla poena" the Court has distinguished a third principle: the authority applying criminal law shall interpret it not extensively, for instance by analogy, to the accused's detriment...according to the Court, an offence must be clearly defined in law. New more severe legislation cannot be applied to an ongoing situation that arose before it came into force. It is submitted, however, that this third principle is not a separate one but is embodied in the rationale of the nullum crimen and nulla poena sine lege principles". (pagna 652)."*

"*Illi inoltre, dwar dan il-punt tal-intrerpretazzjoni u sorsi tal ligi l-awturi* ***Harris, O'Boyle & Warbrick*** *fil-ktieb taghhom* ***Law of the European Convention on Human Rights****, it-tieni edizzjoni, jghidu hekk dwar l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja:-*

> *""Given that Article 7 requires that national courts act on the basis of their national law and that they interpret and apply that law in accordance with Article 7, the Strasbourg Court may find itself reviewing the interpretation and application of national law by national courts. In accordance with the Court's general approach whereby it does not question the interpretation and application of national law by national courts, this supervisory function is undertaken with caution, with the Court only exceptionally finding the interpretation and application of national law by the national courts to be in breach of Article 7. Article 7 (1) refers to criminal offences that have a basis in 'law'. The term 'law' has the same autonomous meaning as it has elsewhere in the Convention, so that it includes, in terms of sources of law, judge-made law as well as legislation, whether primary or delegated. It does not include 'state practice' that is inconsistent with a state' written of judgemade law and its international human rights obligations. This was ruled in* ***Streletz, Kessler and Krenz v Germany****. There the three applicants had been convicted by a German court of offences of incitement to commit intentional homicide and sentenced to five to seven years' imprisonment under the criminal law of the German Democratic Republic (GDR), or East Germany that applied in the GDR when they committed their offences and which the courts of the new Germany continued to apply). The cases concerned the deaths of a large number of individuals who had been killed by GDR order guards by shooting or by mines as they tried to cross the border to West Germany at the time of the Berlin war. The applicants occupied senior positions in the GDR government and party apparatus that was responsible for orders to border guards to arrest or, if necessary, 'annihilate' border violators and to protect the border 'at all costs'. Whereas the applicants were tried under the GDR criminal law that existed when the deaths occurred, they argued that GDR 'state practice' – by way of the orders to border guards referred to above for which they*

*shared responsibility – had superseded that law and justified their acts. The Court held that this 'state practice' was not 'law' for the purposes of Article 7 as it was contrary to both the fundamental right provisions of the GDR constitution and other GDR laws and the GDR's international human rights obligations. Accordingly, it did not replace the GDR criminal law existing at the time, which met the requirements of Article 7 (1). The Court's judgement confirms that delegated legislation or administrative acts that are ultra vires in national law do not count as 'law' for the purposes of Article 7, whether to take away an otherwise valid legal basis for prosecution or to provide a basis for prosecution that otherwise does not exist. The case may also provide a basis for ruling that Article 7 is not complied with on the ground that a national 'law' which is valid within the national legal system is nonetheless contrary to the international human rights obligations of the state. In the companion case of **K-HW v Germany**, no breach of Article 7 was also found where a young GDR border guard who shot and killed a border violator was convicted by a German court of international homicide. In this case, while acknowledging the great difficulties the border guard would have faced if he had not followed orders, the Court stated that the GDR constitutional and criminal law under which he was later prosecuted were accessible to him and that 'even a private soldier could not show total, blind obedience to orders which flagrantly infringed not only the GDR's own legal principles but also internationally recognised human rights, in particular the right to life, which is the supreme value in the hierarchy of human rights'. In support of this approach, it may be argued that the soldier's difficulties should be taken into account in sentencing rather than in determining guilt." Ara wkoll is-sentenza "**Peter Borg vs Avukat Generali**" (P.A. (AL) – 4 ta' Novembru 2010)."*

"*Illi fl-istess sentenza inghad illi:-*

*""Article 7 also extends to the situation in which the scope of existing law is extended to acts or omissions that were previously not criminal, and lays down the principle that the 'criminal law must not be extensively construed to the accused's detriment'. The application of the existing law may be extended to new conduct by the courts by way of interpretation where its meaning has previously been unclear or is given a changed meaning by the courts in the applicant's case. It will only be in exceptional cases that the Strasbourg Court will find a violation on either of these bases. As stated by the Court in **CR v UK**, 'there will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changed circumstances. Indeed … progressive development of the criminal law through judicial-lawmaking is a well entrenched and necessary part of legal tradition' in Convention states, so that Article 7 'cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretations from case to case, provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen'. As to clarity of meaning, the Court has in several cases not found a breach of Article 7 despite some very generally worded or obscurely drafted laws. This has been either because the national courts have already given it more precise meaning in their case law, or because they have given it a meaning when the point is ruled upon for the first time in the applicant's*

*case that is both foreseeable and consistent with the essence of the offence."*

""B'zieda ma dan inghad *"However, the clarity of the law can be evaluated if the party has appropriate advice. This was stated by the ECHR in its judgment in the case **"Cantoni vs France"** whereby the Court held that: "A law may still satisfy the requirement of foreseeability even if the person concerned has to take appropriate legal advice to assess, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail" (see also, among other authorities, the **Tolstoy Miloslavsky v. the United Kingdom** judgment of 13 July 1995, Series A no. 316-B, p. 71, para. 37) as ignorance of the law is no defence"."*

"***I. Ilment dwar il-Kap 437***

"Dan huwa l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li gie promulgat biex jistabilixxi u jikkonsolida l-htigijiet fil-qasam verterinarju, prodotti medicinali veterinarji, htigijiet dwar l-ghalf u zooteknici u biex jirregola l-professjoni veterinarja.

"Kif inghad, wahda mill-akkuzi li tressqu fil-konfront tar-rikorrent odjern fil-proceduri kriminali kontrih kienet li huwa caqlaq illegalment annimali bi ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437, liema artikolu jghid hekk –

*""35. (1) Kull min ikun is-sid, id-detentur, in-negozjant jew l-importatur, id-destinatarju, it-trasportatur, il-bejjiegħ bl-imnut jew kull persuna oħra li tkun awtorizzata taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att biex tiddisponi minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf tal-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew ir-rappreżentant ta' dawk il-persuni, jew min ikun inkarigat minn xi attività veterinarja privata, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att-*

*""[….]*

*""(ċ) għandu josserva kull obbligazzjoni imposta taħt dan l-Att li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, u jimplimenta regoli relattivi; mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni għandhom –*

*""[….]*

*""(iii) jidentifikaw u jirreġistraw annimali, u jiddikjaraw iċ-ċaqlieq ta' annimali li jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħhom";"*

"Dwar din l-akkuza, r-rikorrent odjern kien argumenta quddiem il-Qorti tal-Magistrati li filwaqt li l-artikolu 35 (1) (c) jitkellem fuq obbligazzjonijiet imposti, l-artikolu 35 (2) tal-Att isemmi biss li l-Ministru jista' jaghmel regoli biex jiddikjara liema ksur ikun reat u x'piena tkun applikabbli. Izda l-Ministru baqa' m'ghamilx dawn ir-regoli u ghalhekk, fil-fehma tieghu, la l-kostituzzjoni tar-reat ma tirrizultax la fil-ligi principali u lanqas f'ligi sussidjarja Bartolo ma jistax jinstab hati ta' dik l-imputazzjoni u lanqas

tista' tigi mposta piena fuqu. Dan a bazi tal-principju *nullum crimen sine lege*.

"Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Novembru 2014 il-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjoni msemmija u l-argumenti mressqa dwarha minn Joseph Bartolo –

> *""Illi dan l-artikolu tal-ligi jaqa' taht Taqsima V intitolata Obbligazzjonijiet ta' ċerti persuni u ta' korpi ohra fejn hemm indikat l-Obbligazzjonijiet ta' persuni fil-qasam ta' attivitajiet veterinarji.*
>
> *""Issa minn ezami ta' dan l-Artikolu 35 tal-Kap 437 tal-ligijiet ta' Malta u dak sussegwenti insibu x'inhuma l-obbligi ta' min izomm annimali pero' fis-sub inciz (2) ta' l-istess artikolu ma nsibux il-piena f'kaz ta' ksur ta' dan l-artikolu 35 izda nsibu disposizzjoni fejn il-legislatur ta poter lill-Ministru responsabbli ghas-servizzi veterinarji sabiex jaghmel regoli sabiex jipprovdi dwar x'ghandha tkun il-piena f'kaz ta' non ossevanza ta' dan l-obbligu legali.*
>
> *""Dan is-sub inciz jipprovdi s-segwenti:-*
>
>> *"(2) "Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jipprovdu li kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tagħhom tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u teħel, meta tinsab ħatja, dik il-piena li tista' tiġi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73)"."*
>
> *""Id-difiza sostniet fit-trattazzjoni taghha kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li l-piena li talvolta tista' terroga din il-Qorti f'kaz ta' htija hija dik il-piena li semmai kellha tigi preskritta mill-Onorevoli Minsitru fir-regoli li huwa ghandu jippreskrivi. Id-difiza fakkret lill-Qorti fil-principju ormai stabilit u accetat fil-ligi penali li ma hemmx reat jekk m'hemmx piena adegwata ghalih "nullum crimen sine poena" u ghalhekk in linea ma' dan l-insenjament fil-fehma taghha din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' dan l-allegat reat.*
>
> *""Din il-Qorti pero' ma taqbilx ma' dak sottomess mid-difiza f'dan ir-rigward u dan ghaliex dan is-sub artikolu u cioe' (2) tal-artikolu 35 tal-istess kap jipprovdi ab intio x'inhi l-piena f'kaz ta' ksur ta' dispozizzjoni maghmula mill-Onorevoli Ministru u ghalhekk ghamlet tfittxija sabiex tara jekk issibx xi regolament mahrug mill-Onorevoli Ministru. Jirrizulta li naxxenti minn dan il-kapitolu hemm diversi ligijiet sussidjari u f'kaz ta' ksur taghhom ghandha tapplika dak li jipprovdi s-sub artikolu (2) tal-artiklu 35 tal-istess kapitolu tal-ligijiet ta' Malta. Illi m'hemmx dubju li fil-proprjeta' tal-imputat instabu diversi annimali u li zgur li gew mehuda hemm. L-imputat fl-ebda hin ma stqarr jew ittenta jghid li l-annimali sabhom hemm. Illi ghalhekk tali tragitt taghhom zgur li ma sarx bil-permessi relattivi u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta provata.""*

"Fl-appell intavolat mir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa rega' ressaq l-aggravju li *nullum crimen sine lege* ghax la l-obbligazzjonijiet imnizzla fl-artikolu 35 (1) (c) ma gewx dikjarati li jikkostitwixxu reat la bil-ligi principali u lanqas b'ligi sussidjarja u allura

lanqas giet stabbilita l-piena applikabbli, ir-rikorrent ma setax jigi misjub hati tal-imputazzjoni u lanqas jehel piena.

"Fis-sentenza taghha tat-18 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dan l-aggravju –

> *""L-appellant jargumenta ukoll illi qatt ma seta' jinstab hati u konsegwentement ikkundannat dwar l-ewwel imputazzjoni u dan ghaliex il-Kapitolu 437 mhux biss ma jikklassifikax l-azzjoni tieghu bhala reat talli lanqas tiprovdi piena ghaliha. L-azzjoni tal-appellant igifieri l-allegat caqlieq ta' annimali minghajr ddebitu avviz lill-awtoritajiet jinkwadra ruhu f'dak ravvizat fl-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437. Issa l-appellant jargumenta illi ghad illi l-artikolu 35(2) jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghmel regolamenti biex jiddikjara liema mill-obligazzjonijiet fl-artikoli precedenti jikkostitwixxu reat u l-piena ghalihom, l-Ministru naqas milli jaghmel tali regoli u ghalhekk isegwi li nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege. Issa l-Ewwel Qorti taqbel mal-appellant illi ma jirrizultax li hemm xi regolament, allura fil-forma ta' Avviz Legali, mahruga in forza tal-artikolu 35(2) tal-Kapitolu 437. L-Ewwel Qorti kkonkludiet bil-mod segwenti in rigward: "Din il-Qorti pero' ma taqbilx ma' dak sottomess mid-difiza f'dan ir-rigward u dan ghaliex dan is-sub artikolu u cioe (2) tal-artikolu 35 tal-istess kap jipprovdi ab initio x'inhi l-piena f'kaz ta' ksur ta' disposizzjoni maghmula millOnorevoli Ministru u ghalhekk ghamlet tfittxija sabiex tara jekk issibx xi regolament mahrug mill-Onorevoli Ministru. Jirrizulta li naxxenti minn dan il-kapitolu hemm diversi ligijiet sussidjarji u f'kaz ta' ksur taghhom ghandha tapplika dak li jipprovdi s-sub artikolu (2) tal-artikolu 35 tal-istess kapitolu tal-ligijiet ta' Malta".*
>
> *""Din il-Qorti, izda, taqbel biss mal-fatt li ma hemm l-ebda regolament maghmul mill-Ministru. Mill-bqija ma taqbel xejn mal-logika u wisq anqas mal-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti. Jibda biex jinghad illi l-artikolu 35 tal-Kapitolu 437 jiddisponi li kull min ikun sid ghandu, inter alia, (u b'mod partikulari ghal kaz odjern fis-subinciz (1) (c) (iii), jidentifkaw u jirregistraw annimali, u jiddikjaraw ccaqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabilita' taghhom. Issa dan l-obbligu huwa wiehed fost diversi ohrajn emanenti mid-disposizzjoni tal-artikolu 35. Is-subinciz (2) imbaghad jipprovdi hekk: Il-Ministru jista' jaghmel regoli li jipprovdu li kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet taghhom tkun hatja ta' reat kontra dan lartikolu u tehel, meta tinsab hatja, dik il-piena li tista' tigi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73). Din id-disposizzjoni hija biss il-vires moghti lill-Ministru sabiex jaghmel regoli biex fl-ewwel lok jiddikjara li ksur tad-disposizzjonijiet jammonta ghal-reat u bhala konsegwenza jistabilixxi l-pieni applikabbli, liema pieni izda ma jistghux ikunu aktar minn dawk msemmija fis-subinciz (2). Dan is-subinciz ma jistghax jiftiehem mod iehor ghaliex altrimenti jkun assolutament inutili li l-Att principali jghid li azzjoni hija rejat punibbli b'daqstant prigunerija u multa u fl-istess hin jaghti l-poter lill-Ministru li jaghmel regolamenti biex jghid li dik l-azzjoni hija reat u punibbli bl-istess mod kif jipprovdi l-Att principali. Is-subinciz (2) ghalhekk huwa biss il-poter moghti lil Ministru biex jiddikjara liema azzjonijiet huma reati u fl-istess waqt jiccirkonskrivi l-parametri tal-piena li l-Ministru jista' johloq*

> *taht il-firma tieghu. Sa dan il-punt ghalhekk l-appellant ghandu ragun la darba l-Ministru ghadu ma dahhal ebda regoli in rigward u kienet zbaljata l-Ewwel Qorti meta qalet li s-subinciz (2) ghandu japplika ghal ksur tar-regoli. Jizdied ma' dan illi mhux biss l-obbligi, almenu sa dan il-punt, ghadhom mhumhiex dikjarati reati izda lanqas hemm provdut il-piena ghallksur taghhom. Madanakollu kienet zbaljata ukoll l-Ewwel Qorti, u naturalment anke l-appellant, meta naqsu milli jaghmlu referenza ghall-artikolu 57 tal-istess Kap li jipprovdi s-segwenti: "Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika ikun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87). Ghalhekk, ghalkemm ghad ma hemmx regolament in rigward tal-azzjoni li biha huwa imputat l-appellant l-istess azzjoni hija xorta wahda reat la darba hekk jghid l-artikolu 57 u hija punibbli bil-multa kif preskritta fl-istess artikolu;""*

"Fil-proceduri odjerni r-rikorrent rega' avvanza dan l-istess ilment tieghu. Hu rega' tenna li qatt ma seta' jinstab hati kif akkuzat fuq l-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 u konsegwentement qatt ma seta' jigi kkundannat tal-ewwel imputazzjoni ghax il-Kap 437 mhux talli ma jikklassifikax l-azzjoni tieghu bhala reat talli lanqas biss jipprovdi piena ghaliha. Ir-rikorrent jargumenta li ghalkemm l-artikolu 35 (2) tal-Att jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghmel regolamenti biex jiddikjara liema mill-obbligazzjonijiet indikati fl-artikoli precedenti jikkostitwixxu reat u x'inhi l-piena ghalihom, l-istess Ministru naqas milli jaghmel tali regoli u ghalhekk jiskatta l-principju *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege*.

"Ir-rikorrent ikompli jilmenta li ghalkemm il-Qorti tal-Appell Kriminali qablet mieghu li ma kinux saru r-regolamenti msemmija fl-artikolu 35 (2) tal-Att, xorta kkonkludiet li l-azzjoni li biha gie kkundannat Bartolo kienet tammonta ghal reat a tenur tal-artikolu 57 tal-istess Att li ghalih kienet tapplika l-piena (multa) kif preskritta f'dak l-istess artikolu. Fil-fehma tar-rikorrent din il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija wahda errata ghax l-artikolu 57 jistabilixxi piena *"li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika"* u jistabilixxi wahda l-artikolu stess imsemmi. Izda dan jaghmlu wkoll l-artikolu 35 (2) u allura tqum il-kwistjoni liema hija l-piena applikabbli, ghalkemm fil-fehma tieghu, *se mai* l-artikolu 57 huwa l-ligi "generali" u l-artikolu 35 hija l-ligi "specjali" li ghandha tapplika. Fuq kollox pero', minkejja dawn l-artikoli dwar il-piena ghad m'hemmx ligi jew regolament li jghidu li dawk l-obbligi civili mposti fuq in-nies jikkostitwixxu reati f'sens kriminali. Huwa dan in-nuqqas li jmur kontra *r-regola nullum crimen sine lege*. Din hija t-tezi tar-rikorrent.

"Minn naha tieghu l-intimat Avukat Generali jirribatti li ghalkemm ma hemm ebda kontestazzjoni li l-Ministru responsabbli ma harigx Regoli a tenur tal-artikolu 35 (2) tal-Att, dan ma jfissirx li ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) da parti tar-rikorrent ma kienx jikkostitwixxi reat punibbli skont il-ligi. Dan ghaliex kif ben osservat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, japplika ghall-kaz l-artikolu 57 (1) tal-Kap 437 li jghid li fejn hemm ksur ta' xi

artikolu tal-Att li dwaru ma hemm provdut ebda piena specifika, kif inhu l-kaz gialadarba ma sarux ir-regolamenti, l-imputat ikun hati ta' reat u jehel multa ta' mhux izjed minn €11,646.87. Mela mhuwhiex minnu, skont l-Avukat Generali, li c-caqliq tal-annimali bi ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Att mhuwhiex reat skont il-Kap 437, kif pretiz mir-rikorrent. Dan ixejjen ukoll l-insinwazzjoni tar-rikorrent li fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell Kriminali qablet mieghu li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni tac-caqliq tal-annimali ma jammontax ghal reat skont il-ligi principali.

"L-intimat jghid ukoll li ma hemm ebda nkompatibilita' bejn l-artikolu 35 (2) u l-artikolu 57 tal-Kap 437, u lanqas huwa l-kaz li *lex specialis derogat generalis* ghax fil-kaz tar-rikorrent kien hemm fis-sehh biss ligi generali applikabbli, in mankanza ta' dik *specialis* kieku maghmula bis-sahha ta' ligi sussidjarja,  allura l-artikolu 57.

"**Ikkunsidrat:**

"1. Kif inghad, huwa fatt li l-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 jobbliga lil kull persuna u korp fil-qasam ta' attivitajiet veterinarji li tidentifika, tirregistra u tiddikjara c-caqliq ta' annimali li jkunu jinsabu taht ir-responsabilta' taghha.

"Is-sub-artikolu 2 ta' dan l-artikolu jkompli hekk –

> *""Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jipprovdu li kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tagħhom tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u teħel, meta tinsab ħatja, dik il-piena li tista' tiġi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73).""*

"Ma hemm ebda dubju li, kif diga' gie konfermat mill-Qrati fil-proceduri kriminali mpunjati, il-Ministru koncernat ma utilizzax il-poteri moghtija lilu taht l-Att principali u m'ghamilx ir-regoli msemmija fis-subartikolu appena msemmi.

"Izda l-Qorti certament ma taqbilx li fl-assenza ta' tali regoli, persuna li twettaq ksur tal-artikolu 35 hija ezonerata minn kwalunkwe responsabilta' kriminali u konsegwenza penali. Ebda artikolu f'ligi ma jista' sempliciment jinqara b'mod izolat izda ghandu jigi nterpretat u applikat fl-ispirtu tal-Att shih li minnu jifforma parti biex b'hekk tigi implimentata l-ligi mahsuba. Huwa ghalhekk li fil-fehma tal-Qorti, fil-kaz tal-lum, in-non-osservanza tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 mir-rikorrent, ghalkemm mhuwhiex applikabbli ghalih is-subartikolu 2 tal-istess artikolu ghax m'hemmx regoli appoziti fis-sehh, xorta huwa milqut bl-effetti tal-artikolu 57 (1) tal-istess Att, liema artikolu jifforma parti minn Taqsima IX intitolata **"Infurzar, Reati u Pieni."** Dan l-artikolu jipprovdi li –

> *""Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena speċifika ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux*

> *iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).""*

"Il-fattispecje tal-kaz tal-lum juru li r-rikorrent kiser l-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Att u li fil-mument ta' tali ksur huwa pacifiku li ma kien hemm fis-sehh ebda piena specifika ohra ghalih maghmula taht lartikolu 35(2). Skont id-dicitura **cara kristallin** ta' l-artikolu appena citat allura tali ksur jammonta ghal reat bis-sahha ta' dan l-artikolu 57 (1) u li f'kaz ta' sejbien ta' htija jwassal ghall-impozizzjoni tal-piena hemm stabbilita. Altru mela li hawn ma rrizultax ksur tal-massima *nullum crimen sine lege nulla poena sine lege.*

"F'dan il-kuntest ukoll il-Qorti ssib li ma hemm ebda kunflitt bejn l-artikolu 35 (2) u 57 tal-Kap 437 kif insinwat mir-rikorrent. Invece dawn iz-zewg artikoli huma kompatibbli u jikkumplimentaw lil xulxin fis-sens li jekk u sakemm isiru regoli appoziti mill-Ministru koncernat a bazi tal-artikolu 35(2), ghandu japplika l-artikolu 57 ghall-kwalunkwe ksur taht l-artikolu 35.

"In fine l-Qorti tinnota wkoll li skont ir-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali l-ewwel *"tatu ragun"* fl-ilment tieghu li ksur tal-artiklu 35 (1) (c) (iii) tal-Att ma kienx jammonta ghal reat, imbaghad *"fl-ahhar jinqaleb kollox[2]"* meta kkonkludiet li kien japplika l-artikolu 57 tal-Att. Din l-asserzjoni gratuwita ma tistax tkun aktar 'il boghod mill-verita' ghax dak li qalet dik il-Qorti huwa proprju l-oppost u cioe' li l-agir tar-rikorrent bi ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) **kien jammonta ghal reat** u kien ukoll allura punibbli a tenur tal-artikolu 57, l-istess bhalma qed tikkonkludi din il-Qorti.

"**Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-ewwel ilment dwar il-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta huwa respint ghax ma jirrizulta ebda ksur tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.**

"***II. <u>Ilment dwar il-Kap 439</u>***

"Dan huwa l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali ntiz biex johloq u jikkonsolida l-protezzjoni tal-annimali mizmuma ghal skopijiet ta' xoghol, sport, wens u ikel.

"Akkuza ohra li taghha nstab hati r-rikorrent kienet li huwa zamm annimali fi stat hazin bi ksur tal-artikolu 8 (2) (3).

"Il-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar din l-akkuza fis-sentenza taghha –

> *""Fir-raba' kaz l-imputat gie akkuzat talli zamm l-annimali fi stat hazin. Skond l-Artikolu 8 (2) tal-Kap 439 hemm provdut li "l-ebda annimal ma ghandu jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u l-ebda animal ma jista' jigi abbandunat." Illi bhala fatt jirrizulta u dan*

[2] Rikors promotur

> *proprju mix-xhieda li ta Dr Duncan Chectuti Ganado li fil-barriera fi Triq l-Istalel proprjeta' ta' l-imputat, l-imputat zamm disa' zwiemel u hames moghoz abbandunati fost zewgt izwiemel mizmuma f'kundizzjoni tajba. Dan huwa ndikattiv li l-imputat ha hsieb biex dawk iz-zewgt izwiemel ikunu kkundizzjonati tajba waqt li ma tax kaz l-ohrajn. Jiddiskrivi dawn iz-zwiemel billi ighid li kienu madura hafna u li kellhom body core baxx hafna tant li kellhom skeletru jidher minn kull naha u kien hemm thorasic u lumber spine processes li kienu evidenti hafna. Jghid fil-fehma esperta tieghu li dawn kienu fi stat ta' neglect u ghalhekk m'hemmx dubju li minhabba dan in-neglect l-annimali baghtew u sofrew l-ugiegh minghajr bzonn.*
>
> *""Fil-fatt l-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kull min izomm l-annimali jew jaqbel li jzomm annimali ghandu jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan hu dak li m'ghamilx l-imputat."*

"Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet cahdet l-aggravju tar-rikorrent dwar din il-parti tas-sentenza u dwar wiehed mill-ilmenti tar-rikorrent dwar dan l-artikolu qalet li "*l-fatt illi l-artikolu 8(1) tal-Kap 439 jaghti lill-Ministru l-fakolta' li jaghmel regolamenti dwar il-harsien tal-annimali ma jaghmel ebda differenza ghall-obbligu tas-sid li jzomm lill-annimali tieghu fi stat tajjeb skond id-dispost tas-subinciz (2) u (3). Dawk l-obbligi huma ligi u l-ksur taghhom huwa punibbli fit-termini tal-artikolu 45 tal-istess Kap. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddeciedi li l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;*"

"Il-lanjanza tar-rikorrent quddiem din il-Qorti hija li, l-istess bhall-ilment precedenti, l-artikolu 8 tal-Kap 439 johloq biss obbligazzjonijiet li ma humhiex reati u ghalkemm is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jaghti l-poter lill-Ministru koncernat li jaghmel regolamenti, dawn baqghu ma sarux. Ghalhekk fil-fehma tieghu ksur ta' dan l-artikolu ma jwassalx ghal reat ghax ma giex dikjarat bhala tali b'regolamenti. Dan b'differenza tal-artikolu 45 tal-Att li jistabilixxi piena ghal dawk il-vjolazzjonijiet li klassifikati bhala reati.

"Ir-rikorrent qal ukoll li skont il-provi kellu xi zwiemel flimkien li uhud minnhom kienu b'sahhithom u ohrajn le. Izda fil-fehma tieghu ma kinux abbandunati u ma ntweriex li dawn ma kellhomx ikel bizzejjed, ilma u xelter ghax kienu l-istess bhall-ohrajn.

"L-intimat minn naha tieghu jirribatti li n-nuqqas ta' harsien tal-artikolu 8 (2) u (3) tal-Att johloq reat punibbli skont l-artikolu 45 (1) tal-Kap 439. Dan l-intimat ghalhekk jishaq li d-dettami tal-artiklu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni gew rispettati.

"Dwar l-ilment tar-rikorrent li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-provi fil-Qrati ta' kompetenza kriminali l-intimat argumenta li mhuwhiex ir-rwol tal-Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha li tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza

biex tindaga jekk il-Qrati kriminali ddecidewx il-mertu tal-akkuzi kriminali korrettement jew le.

“**Ikkunsidrat:**

“L-artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta’ Malta jifforma parti mit-taqsima ntitolata “Harsien ta’ Annimali” u jipprovdi li –

> ““***8.*** *(1) Il-Ministru jista’ jagħmel regolamenti biex jipprovdi għall-mod li bih dawk l-ispeċi u kategoriji ta’ annimali kif jiġi preskritt għandhom jiġu mħarsa, mitmugħa, misqijin, mdewwa u mgħallma u l-kwalifiki tal-persuni li jkunu responsabbli għal dan.*
>
> *““(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista’ jigi abbandunat.*
>
> *““(3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.*
>
> *““(4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f’kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta’ annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta’ dan is-subartikolu, ħtiġiet ta’ annimal tinkludi l-provvista ta’ ambjent xieraq, provvista ta’ dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta’ akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.””*

“Hija l-fehma tal-Qorti li lanqas dan l-ilment tar-rikorrent mhu gustifikat.

“Fl-ewwel lok, anke jekk bhala fatt huwa ghal darb’ohra pacifiku li r-regolamenti previsti fis-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu ghadhom ma sarux, dan huwa rrilevanti ghall-vertenza odjerna peress li l-intendiment taghhom, jekk u meta jsiru, m’ghandu ebda konnessjoni ma’ holqien ta’ reati jew pieni ghall-ksur tal-artikolu. Kif inhuwa dikjarat, **l-ghan taghhom huwa li jirregolaw il-mod kif l-annimali jigu fost affariijiet ohra protetti u mghallma, kif ukoll li jippreskrivu regoli dwar il-kwalifiki tal-persuni responsabbli ghal dan. Materja ghalhekk totalment estranea ghall-kaz tal-lum**.

“Invece, u kif diga’ kienet ikkonfermat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proceduri kontra r-rikorrent, il-ksur tal-artikolu 8 (2) u (3) tal-Kap 439 li bihom huwa gie akkuzat huma meqjusa bhala reat punibbli skont il-ligi. L-artikolu 45 (1) tal-Att, li japplika ghal **KULL** infrazzjoni tad-dispozizzjonijiet f’dik il-legislazzjoni jghid hekk -

> ***““45.*** *(1) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att jew ta’ xi regolamenti magħmulin taħtu teħel, meta tinsab ħatja:*
>
> *““(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta’ mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro*

> *(€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;*
>
> *""(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000), iżda mhux iżjed minn tmenin elf euro (€80,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.""*

"Ghal darb ohra l-Qorti ssib ghalhekk li ma hemm ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent a bazi tal-principju *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege* peress li l-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-ilment huma stabbiliti bhala reat skont il-ligi u ghalihom il-ligi prefiggiet ukoll piena. Isegwi li l-argument tar-rikorrent li l-interpretazzjoni tal-ligi moghtija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali f'dan il-kuntest kienet wahda wiesgha u estensiva hija ghal kollox bla bazi.

"L-ahhar parti tal-ilment tar-rikorrent hija dwar il-mod kif sar l-apprezzament tal-provi mill-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali. Din il-Qorti izda taghmilha cara li mhuwhiex il-kompitu taghha bhala wahda vestita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali li tintrometti fid-diskrezzjoni tal-qrati ordinarji fl-evalwazzjoni tal-provi. Ghalhekk, avolja l-provi kollha li tressqu fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent huma esibiti fl-atti odjerni u anke tressaq mill-intimat quddiem din l-istess Qorti l-veterinarju Dr Duncan Chetcuti Ganado dwar aspetti li jolqtu l-mertu tal-provi, il-Qorti mhijiex sejra tidhol f'dan l-aspett tal-mertu tal-kaz. Kif inghad fil-kaz **Anthony Emanuel Mintoff et vs Avukat Generali et deciz fit-2 ta' Dicembru 2010[3] -**

> *""Illi hawn jinghad ukoll li mhux funzjoni ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali li tirrevedi allegati zbalji li setghu saru f'Qorti ohra, izda l-kompitu taghha huwa biss li tara jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem……..("**Valfracht Maritime Co. Ltd. vs Avukat Generali et**" – Q.K. – 22 ta' Novembru 2006; "**Joseph Bellizzi et vs Awtorita' Marittima ta' Malta**" (Q.K. – 27 ta' Frar 2009).""*

"Ghandu jkun mifhum li b'hekk din il-Qorti mhux qed tikkonkordi li saru xi zbalji fl-evalwazzjoni tal-provi, biss li maghmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tqis li dan l-ilment tar-rikorrent dwar il-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll mhuwhiex gustifikat.

"***III. Ilment dwar iz-zamma tal-klieb***

"Akkuza ohra li tressqet fil-konfront tar-rikorrent fil-proceduri kriminali in ezami kienet tirrigwarda n-nuqqas tieghu li jidentifika l-klieb fil-pussess tieghu skont l-artikolu 4 tal-Ligi Sussidjarja 101 taht il-Kap 437.

"Ir-rikorrent jargumenta li l-Kap 437 imkien ma jaghti l-*vires* lill-istess Ministru biex jaghmel regolamenti bhal dawk indikati fil-Ligi Sussidjarja

---

[3] Rik 51/09

101 (A.L. 199 tal-2011). Dan fis-sens li ghalkemm a tenur tal-artikolu 7 tal-Att il-Ministru msemmi kellu l-poter jistabilixxi regoli dwar l-identifikazzjoni tal-annimali, pero' b'dak l-artikolu l-Ministru ma nghatax il-poter li jaghmel ukoll regolamenti dwar reati u piena kif ghamel fir-regolament 11. Dan a differenza ta' dispozizzjonijiet ohra ez l-artikolu 35 (2) tal-Kap 437 stess li jaghti l-poter lill-Ministru jiddikjara liema kienu r-reati u jestabilixxi l-pieni.

"Ir-rikorrent ghalhekk isostni li l-Qrati ta' gudikatura kriminali ma setghux japplikaw l-artikolu 11 tal-A.L. 199 tal-2011 ghax tali reat u piena ma gewx stabbiliti mill-parlament fil-Kap 437. Ghal darb ohra skont ir-rikorrent gie lez l-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-principju *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege*.

"L-intimat minn naha l-ohra jargumenta li l-Ministru koncernat kellu s-setgha li johrog ir-regolamenti in kwistjoni a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap 437 u f'din is-setgha hemm inkluz il-poter li jimponi pieni ghal min jonqos li josserva r-regoli promulgati minnu. Inoltre, l-paragun li r-rikorrent johloq bejn l-artikolu 7 u l-artikolu 35 (2) tal-Kap 437 ma jregix peress li fil-kaz tal-artikolu 35 (2), l-obbligazzjonijiet per se kienu diga' gew elenkati fl-artikolu 35 (1) u allura r-regolamenti huma mehtiega biss ghall-fini ta' klassifikazzjoni ta' reati u pieni. Izda minn naha l-ohra, fil-kaz ta' registrazzjoni ta' annimali, is-setghat tal-Ministru fil-hrug tar-regolamenti necessarjament kellhom ikunu aktar wiesgha minhabba li dawn kellhom l-ewwel jelenkaw l-obbligazzjonijiet mill-bidu nett u wara jghaddu ghall-konsegwenzi legali f'kaz ta' nuqqas ta' harsien ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet.

"L-intimat ikompli jghid li la l-artikolu 7 jaghti l-*vires* lill-Ministru biex jispecifika liema huma l-obbligazzjonijiet li ghandhom jigi mharsa fejn jirrigwarda l-identifikazzjoni u r-registrazzjoni tal-annimali allura l-artikolu msemmi jaghtih ukoll il-*vires* biex jestabilixxi l-konsegwenzi penali ghal min ma josservax tali regolamenti.

"**Ikkunsidrat:**

"L-artikolu 7 tal-Kap 437 jipprovdi li -

> *""Il-Ministru jista' jippreskrivi regoli sabiex jistabbilixxi sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali.""*

"Ir-Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb (L.S.437.101) gew promulgati a bazi ta' dan l-artikolu. Il-kwistjoni hi jekk il-Ministru koncernat kellux il-*vires* biex f'din il-legislazzjoni jinkludi provediment dwar ir-reati u l-pieni, li jinsab fir-regolament 11 u li jghid hekk –

> *""(1) Kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha kelb u li ma tirregistrax dak il-kelb fid-Dipartiment skont dawn ir-regolamenti, jew kull persuna jew entità li tagħti informazzjoni skorretta, inkompleta jew falza fil-*

> *formola ta' registrazzjoni tkun ħatja ta' reat teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' tliet mitt euro (€300).*
>
> *""(2) Fl-eventwalità li jirrizulta li l-mikrocippa ma tistax tinqara intrascapulae f'kelb li jkun gie identifikat elettronikament, is-sid jew il-persuna li jkollha fil-pussess tagħha dan il-kelb teħel multa ta' ħames mitt euro (€500) sakemm ma tingiebx prova li l-mikrocippa għadha prezenti f'xi parti oħra fil-kelb.*
>
> *""(3) Kull veterinarju awtorizzat biex jesegwixxi l-process ta' identifikazzjoni elettronika skont id-dispozizzjonijiet tar-regolament 5(5) jeħel multa ta' ħames mitt euro (€500) jekk il-veterinarju jinstab ħati li intenzjonalment ipprovda informazzjoni skorretta dwar ir-registrazzjoni tal-klieb.""*

"Il-Qorti bla tlaqliq tghid li l-argument tar-rikorrent huwa bla bazi. Huwa logiku li l-interpretazzjoni ragjonevoli u korretta tal-artikolu 7 tal-Kap 437 hija li meta l-legislatur akkorda l-poter lill-Ministru koncernat li jaghmel regolamenti a bazi ta' dan l-artikolu, huwa kien qieghed jakkordalu s-setgha wiesgha li jaghmel regolamenti dwar **KULL** aspett relatat mas-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali u mhux dwar parti. Huwa ghalhekk, tinnota l-Qorti, li d-dicitura tal-artikolu 7 hija wiesgha u generika sabiex tinkorpora r-regolamentazzjoni kollha mehtiega fir-rigward, inkluz ghalhekk dwar reati u pieni ghal min ma josservax ir-regoli preskritti, kif fil-fatt sar. Certament ghalhekk li ma hemm xejn censurabbli fil-*vires* kif ezercitat mill-Ministru koncernat f'din il-legislazzjoni.

"Ghall-istess ragunijiet, l-analogija li ttanta jaghmel ir-rikorrent ma' l-artikolu 35 (2) tal-Att ma tregix. Ghal kull buon fini jinghad pero' li, kif ben osservat anke mill-intimat, filwaqt li l-artikolu 7 qieghed jippreskrivi l-poter ta' regolamenti holostici li jirrigwardaw l-identifikazzjoni u r-registrazzjoni tal-annimali, inkluz izda mhux limitat ghall-elenku tal-obbligazzjonijiet izda wkoll provvedimenti dwar reati u piena, fil-kaz tal-artikolu 35 (2) msemmi ma kien hemm ebda htiega li l-poter li jsiru regolamenti ikun daqshekk wiesgha peress li l-obbligazzjonijiet nfushom kienu diga' gew ben elenkati fis-subartikolu precedenti. Il-Qorti tifhem ghalhekk li din kienet ir-raguni il-ghala l-legislatur uza dik id-dicitura limitata ghal htija ta' reat u piena fl-artikolu 35 (2) tal-Att a kuntrarju ta' dik aktar wisgha kif kontestata mir-rikorrenti fl-artikolu7.

"**Ghaldaqstant anke dan l-ilment tar-rikorrent ser jigi respint.**

"***IV. Ilment dwar ic-certezza fil-ligi***

"Ir-rikorrent jilmenta li ghalkemm skont l-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni l-ligi penali trid tkun accessibbli u certa b'tali mod li huwa kellu jkun f'qaghda li minn qabel ma jwettaq fatt huwa jkun jaf ir-riperkussjonijiet tieghu, dan il-principju ma giex rispettat fil-proceduri kriminali mehuda kontrih. Isostni li l-artikoli li tahthom inhargu l-akkuzi kontrih a tenur tal-Kap 437 u 439 jelenkaw hafna obbligi legali

fl-imgieba ma' annimali pero' mkien m'hemm dikjarat car u tond liema hi l-imgieba hazina li tikkostitwixxi reat. Huwa qal li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u aktar u aktar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminalli kontrih huma prova li ma hemm ebda certezza fil-ligijiet citati. Infatti skont ir-rikorrent:

"(i) fir-rigward tal-imputazzjoni a tenur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li ma hemmx ligi kriminali li tahtha nstab hati izda mbaghad iddikjarat li l-artikolu 57 tal-istess Att kien jissodisfa l-holqien tar-reat u l-piena meta dan l-artikolu qatt ma kien gie mputat lilu u ghalhekk ma kellux l-opportunita' li jiddefendi ruhu dwaru; u

"(ii) fuq imputazzjoni ohra l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li ma kienx il-kompitu taghha li tindaga dwar il-validita' tal-ligijiet li tahthom instab hati r-rikorrent.

"Minn naha tieghu l-intimat jirribatti li l-fatt wahdu li certi espressjonijiet fil-ligi ma jkunux gew imfissra ma jammontax ghal ksur tal-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. F'kull kaz, kemm il-ligijiet li r-rikorrent gie akkuzat li kiser kif ukoll il-pieni applikabbli jinsabu deskritti b'mod car li jinftiehem. Il-fatt wahdu li fuq il-punt li jirrigwarda l-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Qorti tal-Magistrati u dik tal-Appell Kriminali ma jfissirx li l-ligi ma kinitx cara jew prevedibbli. Inoltre, kienet korretta l-Qorti tal-Appell Kriminali meta ddikjarat li ma kienx kompitu taghha li tistharreg jekk ligi partikolari kinitx *ultra vires* il-poteri tal-Ministru koncernat jew le ghax dan l-istharrig jispetta lill-Qrati ta' gurisdizzjoni civili u mhux kriminali. L-intimat josserva ulterjorment li r-rikorrent wisq anqas jista' jilmenta minn nuqqas ta' certezza legali fil-konfront tieghu meta mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li fi proceduri precedenti kontrih ir-rikorrent kien diga' gie akkuzat li kiser uhud mill-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 437 u tal-Kap 439 li eventwalment gie akkuzat u nstab hati taghhom fil-proceduri kriminali in ezami. Fil-fatt kien recidiv minhabba f'hekk.

"**Ikkunsidrat:**

"Dan l-ilment tar-rikorrent mhuwhiex gustifikat.

"A skans ta' ripetizzjoni inutli jigi sottolineat li aktar qabel fis-sentenza tal-lum il-Qorti diga' sabet li l-obbligazzjonijiet elenkati a tenur tal-Kap 437 u l-Kap 439 u li r-rikorrent tressaq akkuzat bi ksur taghhom fil-proceduri kriminali in ezami jikkostitwixxu reat u huma punibbli kif inghad. Il-holqien tar-reat kif ukoll il-piena huma ben identifikabbli u rintraccabbli fil-ligijiet rispettivi li tahthom gie akkuzat. Hekk, il-ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 huwa reat u punibbli a tenur tal-artikolu 57 ta' dak l-Att, il-ksur tal-artikolu 8 (2) u (3) tal-Kap 439 huwa reat u punibbli a tenur tal-artikolu 45 ta' dak l-Att filwaqt li l-ksur tal-artikolu 4 tal-L.S. 437.101 huwa reat u punibbli a tenur tar-Regolament 11 ta' dik l-istess legislazzjoni.

"Ic-certezza u l-prevedibilita' tal-ligi hija ghalhekk cara prevedibbli u manifesta.

- "Inoltre u dwar dan l-ilment il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll, kif ben indikat ukoll mill-intimat Avukat Generali, li fi proceduri kriminali precedenti istitwiti kontra r-rikorrent fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Bartolo decizi fit-13 t'Ottubru 2011**[4] ir-rikorrent kien ukoll gie akkuzat u nstab hati li caqlaq u/jew zamm annimali minghajr il-permessi necessarji tas-Servizzi Veterinarji kif ukoll talli zamm jew qabel li jzomm xi annimali u gieghel lill-istess isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn – akkuzi ghalhekk simili tal-imputazzjonijiet li dwarhom illum ir-rikorrent qieghed iressaq l-ilmenti fil-proceduri odjerni. Isegwi lir-rikorrenti kellu ben sew gharfien tajjeb, car u komplet tal-ligijiet in kwistjoni u tal-konsegwenzi tal-ksur taghhom u dan **gia sa minn qabel** ma rega' tressaq il-Qorti bl-akkuzi mertu tal-proceduri in ezami. Dana kollu jkompli jdghajjef mhux bil ftit il-pretensjonijiet tieghu dwar ksur ta' drittijiet fundamentali.

  "Il-Qorti tinnota wkoll li r-rikorrent jiggranfa mad-divergenza fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-ligi li rrizultat bejn il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali fir-rigward tal-piena applikabbli ghall-ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437. Pero' dan ma jistax hlief jitqies li kien sempliciment kaz bhal diversi ohrajn li jkollna f'dawn il-Qrati fejn Qorti superjuri tirrevoka konkluzjoni erronea ta' Qorti tal-prim istanza dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' artikolu partikolari tal-ligi. Certament li dan ma jwassalx, u Alla hares kien hekk, ghal nuqqas ta' certezza u prevedibilita' fil-ligi.

  "Barra minn hekk, l-argument l-iehor tar-rikorrent li huwa sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat li hi ma kinitx kompetenti li tidhol fil-kwistjoni tal-validita' o meno tal-ligi (b'referenza ghall-imputazzjoni bazata fuq l-artikolu 4 tal-AL 101 tal-2011) huwa bla bazi legali. Dan in kwantu huwa palezi li huma unikament l-Qrati ta' gurisdizzjoni civili li huma muniti bil-kompetenza li jindagaw jekk ligi hijiex valida jew le.

  "Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tirrespingi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar l-allegat nuqqas ta' certezza fil-ligi.

  "**<u>Allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni</u>**

  "Ir-rikorrent jilmenta li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet li ma kienx hemm reat taht l-artikolu 35 tal-Kap 437 imma li kien hemm reat distint taht l-artikolu 57 tal-Att imsemmi huwa kien sorpriz u b'hekk sofra pregudizzju li wassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq in kwantu ma kienx infurmat sew bl-akkuzi kontrih sabiex ikun jista' jwiegeb ghalihom u jiddefendi ruhu b'mod adegwat. Ikompli

[4] Fol 33 et seq fl-inkartament tal-proceduri kiriminali annessi

jghid li lanqas kien hemm appell mill-Avukat Generali – Qorti tal-Appell Kriminali tista' ssib htija ta' reat kompriz u nvolut imma mhux ta' reat differenti b'elementi kostituttivi differenti.

"L-intimat jirribatti li mhuwhiex minnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali ntroduciet reat gdid fis-sentenza taghha. Dik il-Qorti mkien ma qalet li l-ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 mhuwhiex reat *per se*, kif allegat mir-rikorrent, izda sempliciment qalet li l-piena applikabbli ghal dak ir-reat kienet a bazi tal-artikolu 57 tal-Att imsemmi u mhux a bazi tal-artikolu 35 (2) kif erroneament indikat mill-ewwel Qorti. Ir-reat baqa' dejjem l-istess u cioe' c-caqliq ta' annimali llegalment. Mela s-sorpriza li minnha jilmenta r-rikorrenti ma tezistix. L-intimat jargumenta wkoll li ma kien hemm ebda htiega ta' ebda appell specifiku mill-prosekuzzjoni ghax ir-rikorrent gia sa mill-bidu nett tal-proceduri kriminali kontrih kien konsapevoli tal-akkuzi kontrih u li minnhom ma nbidel xejn.

"**Ikkunsidrat:**

"*L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi li -*

*""(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*""(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*""(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*""(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*""(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*""ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*""(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*""(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.""*

"L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights** jghidu hekk[5] -

*""Article 6(3)(a) requires that a person charged with a criminal offence 'be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him.'……Article 6 (3) (a) is intended to give the accused person the information he needs to answer the accusation against him. For this reason, the information required by Article 6 (3) (a) is to be understood in the light of the accused's right to prepare his defence that is guaranteed in Article 6 (3) (b).""*

"Ghal darb ohra l-Qorti ssib li dan l-ilment huwa nfondat. Fl-istadji kollha tal-proceduri kriminali kontrih, kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni istanza, ir-reat li bih gie akkuzat u nstab hati r-rikorrent kien u baqa' dejjem wiehed: ic-caqliq ta' annimali bi ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437. Mela ma jistax jilmenta li ma kienx avzat sew b'din l-imputazzjoni u ghalhekk l-allegazzjoni li huwa ma kienx f'qaghda li jiddefendi ruhu minn din l-akkuza hija altru milli fiergha. Ghal kull buon fini jigi osservat li fil-proceduri kriminali r-rikorrent ghazel li la jixhed u lanqas iressaq provi ghall-imputazzjonijiet kollha li tressqu kontrih; il-fatt li hu ghazel li jezercita' **dan id-dritt fundamentali tieghu** ma jxejjinx il-fatt li a tenur tal-istess artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa kellu xorta a dispozizzjoni tieghu kull opportunita' li jekk ried seta' jiddefendi ruhu bi provi opportuni.

"Issa l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet li ghal dan il-ksur tal-artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 il-piena applikabbli kienet dik a tenur tal-artikolu 57 tal-Att u mhux l-artikolu 35 (2) ma tikkostitwixxi ebda sorpriza inaspettata ghad-difiza tar-rikorrent. Id-dicitura tal-artikolu 57 hija pjuttost cara kif inghad aktar qabel f'din is-sentenza u allura huwa legalment mistenni li r-rikorrent jipprevedi u jkun jaf li jekk jinstab hati tal-akkuza a bazi tal-artikolu 35 (1) (c) (iii), fl-assenza tar-regoli a bazi tal-artikolu 35 (2), huwa kien ser jigi kkundannat il-piena preskritta a tenur tal-artikolu 57. B'zieda ma dan b'ebda mod ma gie lez id-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti biss bil-fatt li l-artikolu 57 ma kienx imsemmi fl-imputazzjoni. L-imputazzjoni kontrih kienet cara fit-tismija tar-reati adebitati lilu, issegwi allura li b'hekk kien aktar minn prevedibbli ghar-rikorrenti illi htija kienet se twassal ghal applikabbilita' tal-pieni mahsuba.

"Ghaldaqstant ma jirrizulta li hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrent".

[5] It-Tieni Edizzjoni, pagna 307

L-Appell

6. L-appellant qed jibbaza l-appell tieghu fuq sitt aggravji li fis-succint huma dawn: [1] li, b'referenza ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji [Kap. 437] u l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali [Kap. 439], hu kien gie akkuzat u misjub hati ta' ghemil li ma kienx jikkostitwixxi reat indikat mill-ligi, [2] li d-dispozizzjonijiet tal-imsemmija kapi jiddikjaraw l-obbligi civili tan-nies izda ma giex dikjarat li l-ksur ta' dawn l-obbligi huwa reat u allura ma setghet tigi imposta fuqu ebda piena, [3] li d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 439 ghad ma jikkontemplawx reati, [4] li l-Artikolu 7 tal-Kap.437 ma jaghtix il-*vires* lill-Ministru sabiex jistabbilixxi reati u pieni, [5] li, ghalkemm il-Qorti tal-Appell sabitu hati taht l-Artikolu 57 tal-Kap.437, huwa qatt ma kien gie akkuzat taht dak l-artikolu u, [6] li l-dan l-ahhar artikolu ma ssemmiex fl-"att tal-akkuza" li fiha gie indikat biss l-Artikolu 35[1[c][iii] tal-istess Kap. u allura sehhet fil-konfront tieghu vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

7. Abbazi ta' dawn l-aggravji l-appellant qed jitlob li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali, tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi a kariku tal-istess intimat.

8. L-appellatipprezenta risposta dettaljata ghar-rikors tal-appell tal-appellant fejn, ghar-ragunijiet dettaljatament spjegati minnu, qed jitlob li l-appell tal-attur jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

9. Bazikament dan hu fis-sens li, minkejja li l-qrati kriminali sabu lill-appellant hati ta' reati skont il-Kapitoli 437 u 439, minn imkien ma hemm espressament indikat li l-ksur tal-obbligi tieghu kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' dawn il-kapitoli jikkostitwixxi reat u ghalhekk dawk il-qrati ma setghux jimponu piena fuqu abbazi tal-istess. L-appellant, wara li ghamel referenza ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie citat bran[6] mill-ktieb *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* u wkoll b'referenza ghal brani citati mill-kawza *Kokkinakis v Greece*[7], kompla jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi dawn huma l-principji li l-esponenti bbaza t-tezi tieghu f'dan ir-rikors. Huwa qed jasserixxi li fil-kaz odjern proprju dan li gara. Gara li l-akkuzat kien akkuzat b'reati li fil-fatt mhumiex hekk dikjarati bhala reati mil-ligi espressament. Li kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll dik tal-Appell, sabu li ma hemm l-ebda artiklu tal-ligi li jenunzja li jekk dawk l-obbligi

[6] Ara Fol. 19 tas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Bartolo v. Avukat Generali** deciza 25 ta' April, 2018.
[7] Ara fol. 20 u fol. 21 tas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Bartolo v. Avukat Generali** deciza 25 ta' April, 2018.

espressi fil-ligi, ma jkunux osservati wiehed jista' jinstab hati ta' reat u x'inhi l-piena.

"Illi jinghad, fir-ricerka li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali li kemm l-awturi kif ukoll sentenzi kif ukoll il-Qrati, li l-ebda Qorti ma ghandha tinterpreta l-ligi b'mod daqshekk estensiv, li b'analogija tasal biex tistabilixxi l-ezistenza ta' reat b'analogija, ghax "*an offence must be clearly defined in law*". L-esponenti qed jissottometti li propju dan in-nuqqas jezisti fil-kapi 437 u 439 tal-ligijiet ta' Malta. L-esponenti qed jilmenta li l-principji ta' "*nullum crimen sine lege u nulla poena sine lege*" qed jinkisru f'dawn il-kapitoli. Dawn kull ma ghamlu huwa li stabillixxew l-obbligi civili ta' certi persuni konnessi maz-zamma u t-trobbija u kummercjalizzazzjoni ta' annimali, minghajr ma ddikjaraw bi kjarezza sufficjenti biex il-persuni nvoluti jkunu jafu fejn jistghu jkunu qed jikkommettu reat. Titlob il-konvenzjoni li dak li jkun ikun f'pozizzjoni li reat ikun "*forseeable and consistent with offence declared*". Hawnhekk ir-reati li l-akkuzat gew attribwiti lilu ma gewx hekk dikjarati".

10. Ghal dan l-aggravju l-Avukat Generali wiegeb li mhu minnu xejn li l-fatti li nstab hati taghhom l-appellant fil-proceduri kriminali ma kinux jikkostitwixxu reati skont il-ligi. Isostni li ma hu minnu xejn dak sottomess mill-appellanti li l-Kapi fuq indikati ma joholqu l-ebda reati izda joholqu biss obbligi civili, bhala mhu veru xejn li l-qrati kriminali sabu li ma hemm l-ebda artikolu tal-ligi li johloq reat u l-ebda artikolu li jimponi piena.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

11. Din il-Qorti tibda billi tissenjala in vena legali li d-dispozizzjonijiet ta' Att legislattiv ghandhom, fejn applikabbli, jigu ezaminati u interpretati b'referenza ghal xulxin bhala *quid unum*. Ghalhekk ma hemm xejn anti guridiku jew li jmur kontra c-certezza tad-dritt u l-prevedibbilita` tal-piena

li, filwaqt li dispozizzjoni tistipula obbligazzjoni, f'dispozizzjoni ohra fl-istess Att tigi imposta l-piena ghal ksur ta' dik id-dispozizzjoni.

12. Jirrizulta car li l-appellant dan ma gharfux u qed jibbaza dan l-aggravju fuq il-premessa li, galadarba l-Artikolu 35[1][c][iii] tal-Kap.437 jistipula biss l-obbligu ta' identifikazzjoni, registrazzjoni u d-dikjarazzjoni tac-caqliq tal-annimali, u ma jikkontemplax x'jigri fil-kaz ta' ksur ta' dan l-obbligu, allura l-ksur ta' dik id-dispozizzjoni tal-ligi ma jistax validament jitqies bhala reat. Dan hu zbaljat ghax kif sottomess mill-ewwel Qorti u wkoll mill-Avukat Generali, l-istess kapitolu fl-Artikolu 57 [1] jikkontempla l-piena ghal ksur ta' dak l-obbligu galadarba fil-kaz odjern jikkonkorru c-cirkostanzi hemm kontemplati, jigifieri li [a] hemm ksur tal-obbligu impost u [b] li dwaru ma hemm ebda piena specifika. L-applikazzjoni ta' dan l-ahhar artikolu ghal kaz odjern ma jikkostitwix interpretazzjoni estensiva tal-ligi kif isostni l-appellant, imma hija applikazzjoni korretta tal-ligi li f'parti minnha timponi obbligu u f'parti ohra tistitpula l-piena fil-kaz ta' ksur ta' dak l-obbligu. Minn dan isegwi li t-tezi sostnuta mill-appellant li l-ksur tal-obbligu kontemplat fl-Artikolu 35[1][c][iii] mhuwiex reat hija legalment zbaljata galadarba ghal dak il-ksur hemm piena kontemplata fl-Artikolu 57 li espressament jghid li dak il-ksur huwa reat.

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u jirazzenta l-fieragh u ghalhekk qed jigi michud

*It-Tieni Aggravju*

14. Dan l-aggravju huwa fuq l-istess linja ta' hsieb bhal dak precedenti u fil-qosor huwa fis-sens li b'referenza ghall-Artikoli 35[1][c][iii] u 35[2] tal-Kap.437, la darba ma sarux regolamenti mill-Ministru skont l-Artikolu 35[2] allura ma jistax jinghad li hemm reat kriminali bi ksur ta' dawk ir-regolamenti u ghalhekk ma jistax *"b'analogija jew b'mod iehor issostni li huwa hati ta' akkuza li mhux reat".* Huwa fisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi meta giet biex tezamina l-kap 437, ezaminat bir-reqqa dak li gara quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Hawnhekk, fil-qosor w a skans ta' ripetizzjoni, sar ezami tal-Artiklu 35(2). Dan pprovda biex *"il-Ministru jkun jista' jaghmel regolamenti biex jipprovdi li kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet tar-regoli jkun hati ta' reat u tehel meta tinsab hatja dik il-piena li tista' tkun prekritta mil-Ministru. ….."* .Minkejja dak li qalu l-Qrati Kriminali w Kostittuzzjonali l-esponenti jhoss li ghandu jibqa' jistaqsi. Ghaliex fil-ligi hemm dan l-artiklu? Mhux jewwilla logiku li wiehed jifhem li dawn ir-reglamenti kienu meqjusa bhala mehtiega ghat-tkomplija tal-ghan tal-ligi? Dawn pero ma sarux. L-esponenti ghadu jsostni allura li dawk ir-reati li gie akkuzzat bihom ghadhom ma gewx dikjarati li huma reati. L-ebda qorti allura ma tista' b'analogija jew mod iehor isostni li huwa hati ta' akkuza li mhux reat.
>
> "Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kif jinghad qabel sabet l-artiklu 57 tal-Kap 437 u dehrilha li solvit il-problemi li kienet qed tiffaccja biex l-akkuzat ma jahrabx. Dan l-artiklu jitkellem fuq il-piena u jghid hekk:-
>
> > **""*Min jikser xi dispozizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika ikun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87).*""**
>
> "Dan l-artiklu allura jipprezumi li reat ga jezisti, u jekk ma ghandux piena tapplika din hawn enuznjata. Imma s-sitwazzjoni hija, kif sottomess mil-esponenti, li provvedimenti li jiddikjaraw l-obbligi civili tan-nies involuti ghad ma gewx dikjarati li huma reati. Kif tista' allura tapplika xi pienba meta ghad m'hemmx reat? Din hija l-konfuzjoni li thalliet fiha l-ligi meta ma sarux ir-regolamenti li kellhom jiddikjara liema ksur tal-ligi kienu

> reat. Jinghad bitr-rispett l-Qorti Kostittuzzjonali meta addottat it-Tezi tal-Qorti tal-Appell Kriminali zbaljat u ma kkunsidrax dis-sitwazzjoni. Kif inhu formulat l-artiklu jipprezumi li hemm ir-reat ga ezistenti biex tapplika l-piena msemmija fl-artiklu Nru. 57 jekk ma ghandux piena".

15. L-Appellat ghal dan l-aggravju wiegeb bil-mod segwenti. It-tilwima bejn il-partijiet hija jekk in-nuqqas ta' harsien tal-obbligu kontemplat fl-Artikolu 35[1][c][iii] johloqx reat. Bhala stat ta' fatt hemm qbil li l-Ministru responsabbli ghas-servizzi veterinarji ma harigx dawn ir-regoli taht dan l-artikolu, izda ma hemmx qbil li fin-nuqqas ta' dawn ir-regoli allura dan ifisser li l-appellant seta' ma jonorax l-obbligazzjoni msemmija f'dak l-artikolu jew li l-ksur tieghu mhuwiex meqjus bhala reat, ghax dak l-artikolu ghandu jinqara flimkien mal-Artikolu 57 tal-istess ligi li bhala rekwiziti ghall-applikazzjoni tieghu ghandu [a] il-ksur ta' xi dispozizzjoni tal-istess ligi u, [b] in-nuqqas ta' piena specifika f'ligi ohra, u ladarba jikkonkorru dawn iz-zewg cirkostanzi jidhol fis-sehh id-dispost tal-Artikolu 57[1] li jghid b'mod car li kull min jikser xi dispozizzjoni tal-Kap.437 huwa hati ta' reat. Ghalhekk fil-kaz odjern, ladarba il-qrati kriminali rravvizaw ksur tal-Artikolu 35[1][c][iii] u ladarba ma giet stipulata ebda piena specifika ghal dan ir-reat, allura japplika l-Artikolu 57 li gie applikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

16. L-Appellat ikompli jissottometti:

> "34. Illi f'dan il-kuntest biex tinghata shiha lil-appellant, ma tezisti l-ebda konfuzjoni bejn l-**artikolu 35(2)** u l-**artikolu 57 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta**. L-**artikolu 35(2)** jghid biss li l-Ministru ghandu s-setgha li jekk irid idahhal regoli godda dwar il-pieni li

ghandhom ikunu attriwibbli ghar-reati taht l-**artikolu 35**. Min-naha l-ohra l-**artikolu 57** jiccara x'ghandha tkun il-piena applikabbli jekk ma jkunx hemm artikolu iehor li jirregola l-piena. F'dan il-kaz billi l-Ministru ma harigx regoli godda dwar il-piena taht l-**artikolu 35(2)** u billi wkoll fil-**Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** ma kienx hemm dispozizzjoni ohra li kienet tghid x'kellha tkun il-piena f'kaz ta' sejbien ta' ksur tal-**Artikolu 35(1) (c) (iii)**, allura kien jghodd ghal dawk ic-cirkostanzi l-**artikolu 57 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif korrettement tennew l-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenzi rispettivi taghhom;

"35. Appuntu fis-sentenza appellata inghad, *"li ma hemm ebda kunflitt bejn l-**artikolu 35 (2)** u **57 tal-Kap 437** kif insinwat mir-rikorrent. Invece dawn iz-zewg artikoli huma kpompatibbli u jikkumplimentaw lil xulxin fis-sens li jekk u sakemm isiru regoli appoziti mill-Ministru koncernat a bazi tal-artikolu 35 (2), ghandu japplika l-artikolu 57 ghall-kwalunkwe ksur taht l-artikolu 35*";

"36. Il-principju ta' *lex specialis decorgat lex* generali imsemmi mill-appellant fir-rikors kostittuzzjonali tieghu ma japplikax minhabba li fil-kaz tieghu ma kienx hemm fis-sehh ligi specjali imma ligi generali biss. L-appellant kien ikollu ragun jilmenta f'dan is-sens, li kieku l-Ministru hareg regoli taht l-**artikolu 35 (2) tal-Ligijiet ta' Malta**, u qrati kriminali ma mxewx ma' dawn ir-regoli. Imma billi f'dan il-kaz il-Ministru ma dahhalx regoli godda allura l-unika ligi applikabbli fejn ghandu x'jaqsam ma' reita` u pieni kien l-**artiklu 57 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta**. Jigi b'hekk li f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell kriminali ma vvjolatx il-principju tan-*nullum crimen sine legem*, b'dana li l-appellant gie li ma garrab l-ebda ksur tal-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif sewwa ntqal fis-sentenza appellata;"

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

17. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet legali maghmula minnha fl-ezami tal-ewwel aggravju u tkompli zzid li l-fatt li l-Ministru ma uzax is-setgha tieghu skont is-subinciz 2 tal-Artikolu 35 fuq indikat, li jaghmel regolamenti biex jipprovdu ghal ksur tal-obbligi kontemplati fis-subinciz 1 u li tali ksur ikun jitqies bhala reat u jimponu piena ghall-istess ksur, ma jnehhi xejn mill-import legali tal-Artikolu 57 fuq

citat. Jigi ribadit li dan l-artikolu ghandu applikazzjoni wiesgha u jkompri l-ksur ta' *"xi dispozizzjoni"* tal-Att li dwarha ma hemmx provdut ebda piena specifika.

18. Mill-premess isegwi li fil-kaz odjern, ladarba ma hemmx kontemplat piena ghall-ksur tal-obbligu kontemplat fl-Artikolu 35[1][c][iii] allura ghal dan japplika fl-Artikolu 57; ghal kuntrarju dan l-artikolu ma kienx ikun applikabbli li kieku saru r-regolamenti kontemplati fis-subinciz [2]

19. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju*

20. Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li tirreferi ghad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 439, senjatament l-Artikolu 8 u l-Artikolu 45[1]. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti trattat dan il-kaz bl-istess mod li trattat l-Kap. 437. Jghid li anke hawn hemm l-istess sitwazzjoni. L-Artikolu 8[1] jitkellem dwar il-poter tal-Ministru li jaghmel regolamenti mela allura, skont l-appellant, hawn l-istess hsieb li b'regolament jinholqu reati li l-ksur taghhom igibu piena. Hawn ukoll dawn ir-regolamenti ghadhom ma gewx ippubblikati u ghalhekk, galadarba ma sarux ir-regolamenti allura ghad

ma hemmx ir-reati li jgorru l-piena ghall-ksur tal-obbligi imposti bis-subincizi [2] u [3] tal-istess artikolu.

21. Rigward l-Artikolu 45, jghid li:

> "…..minkejja li l-artiklu 45 qed jitkellem dwar dispozizzjonijiet tal-Att, dawk id-dispozizzjonijiet ghahom mhumiex reati. Dana peress li l-legislatur semplicement qed jiddikjara, qed jghid xi trattament ghadhom igarbu l-annimali. Fil-fatt fihom kemm it-(2) u kemm it-(3) ma jsemmu l-ebda persuna li tista' tinsab hatja. L-esponenti jsostni li galadarba m'hemmx ir-reat specifikatament enunzjat inutli li l-artiklu 45 jistabilixxi l-piena."

22. L-Appellat wiegeb bil-mod segwenti:

> "39. L-appellant donnu qed jghid li ladarba l-Ministru ma harigx regolamenti skont l-**artikolu 8 (1)** allura mhemmx reat jekk xi hadd, kontra dak li jrid l-**artikolu 8 (2) u (3)**, jahqar jew jabbanduna l-annimali li jkunu taht ir-responsabbilita` tieghu;
>
> "40. L-Avukat Genrali jishaq li l-akkuza mahruga kontra l-appellant taht il-**Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta** kienet wahda cara u li tinftiehem. Fil-fatt fit-tahrika tal-pulizija l-appellant kien mgharraf li huwa kien qieghed jigi mixli talli zamm annimali fi stat hazin bi ksur tal-**artikolu 8 (2) tal-kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**. Kif jidher mit-test tal-ligi, dawn l-artikoli jezigu li l-ebda annimal mghandu jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u li kull min izomm l-annimali huwa responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom. Ghalhekk mhemmz dubju li skont l-ligi min izomm annimali huwa fl-obbligu li jiehu hsiebhom;
>
> "41. Il-kwistjoni issa hija jekk in-nuqqas ta' harsien ta' dan l-obbligu johloqx reat. Bla tlaqliq ta' xejn it-twegiba ghal din il-mitoqsija hija fl-affermattiv. Tassew min ma jindukrax l-annimali tieghu huea hati ta' reat u jista' jehel il-piena stabbilita fl-**artikolu 45 (1) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jaqra hekk:
>
> > ""45. (1) Kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtu tehel, meta tinsab hatja:
> >
> > ""(a) meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), izda mhux izjed minn hamsa u hamsin elf euro (€55,000), jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien;

""(b) meta tinstab hatja ghat-tieni darba jew aktar, multa ta' mhux anqas minn hamest elef euro (€80,00), jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.""

"42. Ksur tal-**artikolu 8 (2) u (3)**, bhala wahdamid-dispozizzjonijiet tal-**Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**, huwa meqjus bhala reat fil-ligi Maltija u jattira piena kif imsemmi fl-**artikolu 45 tal-kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**. Ifsser allura li anke dwar dan l-aspett il-massima tan-*nullum crimen sine legen* giet imharsa;

"43. Illi dejjem fuq din it-tema l-appellant mhuwiex siewi meta jghid li l-kostituzzjoni ta' reat tal-**artikolu 8 (2) u (3) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta** jiddependi fuq jekk il-Ministru jaghmilx regolament taht l-artikolu 8 (1). Dan l-ahhar artikolu ma jitkellimx dwar reati u pieni izda jitkellem biss dwar il-possibilta` li jigu mdahhla regoli li jipprovdu dwar il-mod kif certu bhejjem ghandhom jigi mdahhla regoli li jipprovdu dwar il-mod kif certu bhejjem ghandhom jigu indukrati minn min jiehu hsiebhom. Tassew l-obbligi ta' trattament xieraq tal-annimali li jitnisslu mill-**artikolu 8 (2) u (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta** huma awtonomi u independenti mill-**artikolu 8 (1)**. Ghalhekk fuq dan il-punt ukoll l-appellant mghandux ragun;

"44. L-appellant ma jistax jargumenta li huwa safa' vittma ta' interpretazzjoni estensiva moghtija mill-rati. Bil-hniena hemm bzonn illi jinghad, l-appellant ma jistax jippretendi li z-zamma ta' annimali fi stat hazin u mweghri ma jikkostitwixxix reati. Anke s-sens komun jghidlek li huwa hazin u illegali li ma tiehux hsieb tal-annimali tieghek. Sewwasew fil-kaz tal-ligi Maltija, l-abbandun, it-traskuragni jew il-mohrija fiz-zamma tal-annimali huwa reat fih innifsu u suggett ghall-piena li tinsab imnizzla b'mod car u intelligibbli fl-**artikolu 45 tal-kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**;

"45. Kienet Korretta L-Ewwel Onorabbli Qorti meta fis-sentenza taghha tenniet, "*li ma hemm ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent a bazi tal-principju nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege peress li l-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-ilment huma stabbiliti bhala reat skont il-ligi u ghalihom il-ligi prefiggiet ukoll piena. Isegwi li l-argument tar-rikorrent li l-interpretazzjoni tal-ligi moghtija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali f'dan il-kuntest kienet wahda wiesgha u estensiva hija ghal kollox bla bazi*";

"46. F'tali cirkostanzi l-Qrati Kriminali ma kellhom jaghmlu l-ebda sforz jew akrobaziji mentali sabiex jifhmu n-natura tar-reat ikkontemplat fl-**artikolu 8 (2) u (3)** li l-appellant kien mixli bih. Mhux il-kaz ghalhekk li l-qrati kriminali wettqu xi interpretazzjoni estensiva jew imgebbda tal-ligi. Anke l-appellant stess jekk irdi ikun sincier mieghu nnifsu kienjaf x'kienu l-elementi tar-reat li kien jinsab akkuzat bihom taht l-**Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**. Ir-ritratti taz-zwiemel, fi stat kwazi skelettriku, li

> jinsabu fil-process kriminali jitkellmu wahidhom dwar kif l-appellant kien izomm il-bhejjem tieghu;"

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

23. L-istess konsiderazzjonijiet maghmula fl-aggravji precedenti japplikaw ghal aggravju odjern ghalkemm b'referenza ghal ligi differenti, jigifieri l-Kap.439. Anke f'dan ir-rigward, ghalkemm l-obbligi imposti fl-Artikolu 8 mhumiex sanzjonati fl-istess artikolu, huma sanzjonabbli permezz ta' artikolu differenti, l-Artikolu 45 tal-istess Att. Dan l-ahhar artikolu jghid b'mod car li huwa soggett ghal-pieni kontemplati fil-paragrafi [a] u [b] tieghu *"Kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtu tehel meta' tinsab hatja ….."* Ghalhekk anke fir-rigward tal-Artikolu 8 l-obbligi hemm imposti huma sanzjonabbli minkejja li l-Ministru ma uzax is-setgha tieghu skont is-subinciz [1] tal-istess artikolu.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Ir-Raba' Aggravju*

25. Dan jirrigwarda l-Artikolu 7 tal-Kap.437 li jaghti s-seta' lill-Ministru *"jippreskrivi regoli sabiex jistabbilixxi sistemi ghall-identifikazzjoni u registrazzjoni ta' annimali."* u jirrigwarda r-Regolament 4 tal-L.S.437.101

li jimponi l-obbligu fuq kull persuna "li jkollha fil-pussess taghha kelb skont dawn ir-regolamenti ghandha tidentifika elettronikament dan il-kelb sal-32 April 2012." Imbaghad fir-Regolament numru 11, bin-nomenklatura "Reati u Pieni" l-istess ligi sussidjarja tikkontempla l-pieni fil-kaz ta' ksur tal-obbligi ndikati fl-istess regolament.

26. L-appellant jissottometti li din is-setgha ma kinitx tinkludi l-poter li l-Ministru jistabbilixxi reati u pieni. Huwa ma jaqbilx ma' dak sottomess mill-appellat li l-*vires* li l-legislatur ghadda lill-Ministru huma wisghin. Minkejja dan, l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni estensiva tal-Artikolu 7 u kkonkludiet li abbazi ta' dan l-artikolu l-Ministru seta' jistabbilixxi reati u pieni.

27. L-appellat wiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid li l-Artikolu 7 huwa wiesa' bizzejjed biex jinkludi l-poter tal-Ministru li jistabbilixxi reati u pieni, jissokta jghid li huwa inutili li jkollok regolamenti li ma jghidux x'jigri jekk dawn ma jigux imharsa. Huwa fisser hekk is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward:

> "….il-Ministru kellu s-setgha li johrog ir-regolamenti dwar l-indentifikazzjoni elettronika tal-klieb taht l-**artikolu 7 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** fuq citat. Kemm hu hekk, dan l-artikolu jaqra li l-Ministru jista' jippreskrivi regoli sabiex jistabbilixxi sistemi ghall-identifikazzjoni u r-registrazzjoni ta' annimali;
>
> "52. Bilkemm hemm bzonn illi jinghad, f'dan il-vires hemm imdahhal fih il-jedd tal-Ministru li jimponi pieni ghal min jonqos milli josserva r-regoli promulgati minnu. Huwa inutli li jkollok regolamenti li ma jghidux x'jigri jekk dawn ma jigux imharsa. Anzi huwa minn ewl id-dinja li fejn

ghandek regolamentazzjoni ta' imgieba li trid tigi mhaddna, ghandek ukoll regolamentazzjoni li tifsser x'jigri jekk dik l-imgieba ma tigix imharsa;

"53. L-appellant jghid fl-appell tieghu li kuntrarjament ghal dak li ghamel f'postijiet ohra, fl-**artikolu 7** il-Ministru ma zammx is-setgha li johloq pieni. X'aktarx hawnhekk l-appellant qed jipprova johloq kaz bejn l-**artikolu 7** u l-**artikolu 35 (2)** tal-**Kap 437**. L-argument tal-appellant huwa li ladarba fl-**artikolu 7**, kuntrarjament ghall-**artikolu 35 (2)**, mhemmx imnizzel li l-Ministru jista' jaghmel regolamenti b'reati jew pieni, allura dan ifisser li l-Parlament ma tax is-setgha lill-Ministru li johloq reati u pieni fejn imiss mal-identifikazzjoni u r-registrazzjoni tal-annimali;

"54. Izda kif imfisser fir-risposta kostituzzjonali dan il-paragun li qed jipprova johloq l-appellant mhux wiehed tajjeb, ghaliex filwaqt li fl-**artiklu 35 (2)** l-obbligazzjonijiet u l-ghemejjel li ghandhom jigi mharsa fil-qasam tal-attivitajiet veterinarji ga jissemmew fl-att principali u allura ma hemmx htiega li jinhargu regolamenti sussidjarji dwarhom, mhux l-istess jista' jinghad dwar, l-**artikolu 7** fejn ghandu x'jaqsam ma' identifikazzjoni u registrazzjoni ta' annimali ghaliex hemmhekk ma jissemmew l-ebda obbligazzjonijiet;

"55. Tassew fir-rigward tal-**artikolu 32 (2)** kien jaghmel sens li r-regolamenti sussidjarji tal-Ministru jkunu rizervati biss ghall-klassifikazzjoni tar-reati u tal-pieni u dan minhabba li l-obbligazzjonijiiet li ghandhom jitharsu huma ga specifikati fl-**artikolu 35 (1)**. Mill-banda l-ohra, fil-kaz tal-identifikazzjoni u tar-registrazzjoni ta' annimali, is-setghat tal-Ministru fil-hrug tar-regolamenti sussidjarji kellhom bilfors ikunu aktar usa' minhabba li dawn kellhom jinkitbu mill-bidunett, sew fejn jidhlu x'tip ta' obbligazzjonijiet kellhom jigu attwati u osservati kif ukoll dwar x'ghandha tkun il-konsegwenza legali f'kaz ta' nuqqas ta' harsien ta' dawk l-obbligazzjonijiet;

"56. Illi l-esponent ma jaqbel xejn mal-appellant li l-**artikolu 7 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jaghtix is-setgha lill-Ministru li jghid x'piena ghandha tkun applikabbli ghal min jikser ir-regoli dwar l-identifikazzjoni u r-registrazzjoni ta' annimali. Ghall-esponent huwa logiku li ladarba l-Ministru nghata s-setgha li jispecifika liema ghandhom ikunu dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom jigu mharsa fejn jolqot l-identifikazzjoni u r-registrazzjoni ta' annimali, allura huwa nghata wkoll is-setgha li jispecifika x'ghandhom ikunu l-konsegwenzi jekk xi hadd ma jimxix ma' dawk ir-regolamenti;

"57. L-Ewwel Onorabbli Qorti qalet sew f'dan is-sens li, "*Huwa logiku li l-interpretazzjoni ragjonevoli o korretta tal-**artikolu 7 tal-Kap 437** hija meta l-legislatur akkorda l-poter lill-Ministru koncernat li jaghmel regolamenti a bazi ta' dan l-artikolu, huwa kien qieghed jakkordalu s-setgha wiesgha li jaghmel regolamenti dwar Kull aspett relatat mas-sistemi ghall-identifikazzjoni u r-registrazzjoni ta' annimali u mhux dwar*

*parti. Huwa ghalhekk, tinnota l-Qorti, li d-dicitura tal-***artikolu 7** *hija wiesgha u generika sabiex tinkorpora r-regolamentazzjoni kollha mehtiega fir-rigward, inkluz ghalhekk dwar reati u pieni ghal min ma josservax ir-regoli preskritti, kif fil-fatt sar. Certament ghalhekk li ma hemm xejn censurabli fil-vires kif ezercitat mill-Ministru koncernat f'din il-legislazzjoni*";

"58. X'jiswa li l-Ministru jkollu s-setgha li johrog ir-regolamenti jekk dak li jkun ikun jista' jiksirhom minghajr konsegwenza ta' xejn? Huwa ovvju li flimkien mas-setgha li johrog ir-regolamenti, il-Ministru kellu s-setgha wkoll li jispecifika l-pieni applikabbli f'kaz ta' vjolazzjoni tar-regolamenti mahruga minnu. Kien ghalhekk li fil-**Legislazzjoni Sussidjarja 437.101** insibu r-**regolament 11** li jitratta propriju fuq ir-reati u l-pieni ghal min jinqabad jikser dawn ir-regolamenti.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

28. Anke f'dan ir-rigward l-appellant m' ghandux ragun. Id-dispost tal-Artikolu 7 huwa wiesa' bizzejjed biex ikopri s-setgha tal-Ministru li fl-istess regolamenti li jaghmel ikopri s-sanzjoni fil-kaz ta' ksur tal-istess. Inoltre, apparti mid-dicitura wiesgha ta' dan l-artikolu, huwa ferm logiku l-argument tal-appellat li jkun inutili li l-Ministru jinghata s-setgha li johloq sistemi u normi biex jirregola sitwazzjoni billi johloq obbligi u fl-istess nifs ma jkollux is-setgha li jaghmel regolamenti sabiex jirregola l-ksur ta' dawk l-obbligi b'impozizzjoni ta' piena. Din il-Qorti tissenjala li fil-kaz odjern, ladarba s-setgha li l-Ministru jimponi piena ghal ksur tar-regolamenti mhijiex espressament eskluza, u ladarba r-Regolament *de quo* huwa mfissel f'termini wiesghin li jkopru dik is-setgha, allura mhuwiex lecitu li, kif jippretendi l-appellant, tnaqqar mis-setgha moghtija lill-Ministru bil-ligi.

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Il-Hames Aggravju*

30. Dan huwa dirett lejn l-applikazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-Artikolu 57 tal-Kap.437 li ma giex indikat fl-"att tal-akkuza" u jghid li dan imur kontra l-principju tac-certezza u prevedibbilita` tal-ligi. Huwa fisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi dwar ic-certezza fil-ligi, l-esponent kien issottometta li huwa qatt ma gie akkuzat taht l-artiklu 57 tal-Kap 437. Dan l-artiklu gie nvokat mill-Qorti tal-Appell Kriminali biex ssalva l-akkuza kontra tieghu. Dana jinghad peress li fl-att tal-Akkuza l-artiklu ma jissemmiex. Wara l-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li dan l-artiklu johloq ir-reat li bih kien akkuzat l-esponenti.
>
> "Illi l-Qorti kostituzzjonali ddikjarat li m'hemmx dubju dwar ic-certezza u l-prevedibilita tal-ligi li holqot ir-reati L-esponenti a skans ta' ripetizzjoni jaghmel riferenza ghal dak li jinghad qabel. Jinghad ukoll li l-akkuzat tant kien jaf li b'dak li kien akkuzat bih, kien reat, ghax kien diga kellu akkuza simili fl-2011. Bir-rispett kollu dan ma jimpingi xejn fuq il-kwistjoni jekk ir-reati akkuzat bihom l-esponenti jezistux jew le. Dak li ghandu jigi ezaminat bir-reqqa huwa dak hawn qabel sottomess, biex jigi stabbilit jekk ir-reati li bihom gie akkuzat, u gew indikati bl-artikli tal-ligi, kienux jezistu."

31. L-appellat, wara li ccita gurisprudenza Ewropea[8], irribatta ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti. Jghid li kif fuq imfisser il-ligijiet kollha li l-appellant kien akkuzat bihom jinsabu deskritti b'mod car illi jiftehem. Anke l-pieni li bil-ligi huma attribwibbli ghar-reati addebitati lilu jinsabu imfissra b'mod car u esplicitu. Ikompli jghid:

> "65. Wiehed ma jridx xi gherf kbir biex jifhem in-natura tar-reati li l-appellant kien mixli bihom. Taht l-**artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437**

[8] Cantoni v Franza, deciz 15 Novembru 1996

**tal-Ligijiet ta' Malta** huwa nstab hati li caqlaq annimali minghajr ma rregistra dan ic-caqliq, taht **l-artiklolu 8 (2) u (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa nstab hati li halli l-annimali tieghu fi stat hazin u taht **l-artikolu 4 tar-Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb (Legislazzjoni Sussidjarja 437.101)** huwa nstab hati li huwa naqas milli jidentifika l-klieb tieghu b'mod elettroniku. Tassew ma jidhirx li kien hemm wisq diffikulta` biex l-appellant jifhem x'kienu r-reati li taghhom instab hati;

"66. Joqghod perfattament ghal dan il-kaz li tenniet il-Qorti kostituzzjonali fis-sentenza **Joseph Galea vs. Avukat Generali**, deciza fis-7 ta' Frar 2003, li, "*fil-kaz in dizamina, ma kien hemm ebda tali interpretazzjoni estensiva la mill-Qorti tal-Magistrati u anqas mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. L-imputazzjonijiet kienu cari bizzejjed; l-appellant (imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati u appellant quddiem il-Qorti ta' L-appell Kriminali) kien jaf, jew sata jkun jaf bl-assistenza ta' l-avukat teghu, ben tajjeb x'kienu l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, ir-reati ipotizzati f'dawn l-imputazzjonijiet u rekwiziti ghas-sejbien ta' htija. Il-ligi, minn naha taghha, kienet cara, u l-kriterji tar-responsabbilta` penali, inkluza r-responsabbilta` vikarja kif aktar arbitrarjeta` la fil-prosekuzzjoni u anqas fil-proceduri quddiem iz-zewg Qrati ta' Gustizzja Kriminali, jew fil-pronuncjament taghhom. Ghalhekk anqas ma kien hemm lezjoni tal-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea***";

"67. Illi biex it-twegiba ghall-aggravju tal-appellant tkun wahda shiha, jissokta jinghad, li mbilli fuq punt wiehed biss, dwar il-piena attribwibbli lill-**artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tbieghet minn dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati, ma jfissirx b'daqshekk li l-ligi ma kinitx cara jew li din ma kinitx prevedibbli. Allahares kull meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ma taqbilx ma' qorti inferjuri dwar l-interpretazzjoni ta' ligi dan ghandu jsarraf f'incertezza tal-ligi;

"68. Wara kollox imbilli l-Qorti tal-Magistrati hadet zball meta qalet li ghemil kontra l-**artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa punibbli taht l-**artikolu 35 (2)** meta suppost kellu jkun punibbli taht l-**artikolu 57 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta**, ma jgibx b'daqshekk incertezza fil-ligi. Ifisser biss li l-Magistrat bi zball applikat ligi b'ohra. Zball f'applikazzjoni tal-ligi ma jistax jigi tradott f'incertezza tal-ligi;

"69. L-appellant jghid hazin li l-Qorti tal-Appell Kriminali harget b'reat gdid fis-sentenza taghha. Kif inghad fit-twegiba kostituzzjonali, il-Qorti tal-Appell Kriminali qatt ma qalet li l-ksur tal-**artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** mhuwiex reat fih innifsu, kif donnu jimplika l-appellant. Bil-maqlub ta' dan. Dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa biss li ghal ksur ta' dan l-artikolu tghodd il-piena msemmija fl-**artikolu 57 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** u mhux dik

indikata fl-**artikolu 35 (2) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta** li semmiet il-Qorti tal-Magistrati;

"70. Illi mbilli ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-piena applikabbli, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ghall-**artikolu 57 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta**, ma jfissirx b'daqshekk li hija, kienet qed tixli lill-appellant b'xi reat gdid;

"71. F'dan ir-rigward, l-akkuza xorta baqghet l-istess, dik li huwa caqlaq annimali illegalment. Ta' min ifakkar li fl-imuptazzjonijiet kuntrarjament ghall-att tal-akkuza ma hemmx obbligu li tissemma l-piena. Ghalhekk l-appellant ma jistax jghid li huwa gie sorpriz jew li nqabad fuq sieq wahda ghaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn jidhol ghall-piena ta' reat partikolari haddnet l-**artikolu 57** u mhux l-**artikolu 35 (2)** kif erronjament ghamlet il-Qorti tal-Magistrati.

"72. Lanqas ma kien hemm bzonn li jkun hemm appell specifiku mill-prosekuzzjoni ghaliex kif tghallimna l-Qorti tal-Appell, "*Qorti fi grad ta' appell ma hijiex marbuta illi jew taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti ghall-istess ragunijiet, jew ma taqbilx: tista' taqbel mal-konkluzjoni ghall-istess ragunjijiet, jew ghal dawk ir-ragunijiet u ohrajn, jew ghal raguniiet ohra, bla ma b'jekk tkun qieghda taghti ultra petita*" (***Joseph M. Vella et vs. Vella Brothers Limited et*** deciza fit-2 ta' Mejju 2008);

"73. Fl-ahharnett, dejjem fuq il-materja tac-certezza legali, wiehed ma jridx jinsa wkoll li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant kien akkuzat b'reati taht il-**Kap 437 u 439 tal-Ligijiet ta' Malta**. Kemm hu hekk, l-appellant fi proceduri separati ga kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati li kien kiser id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** u l-**artikolu 8 (2)** u **(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**;

"74. Jekk wiehed ihares lejn Dok. CSH9 li jinsab fl-atti tal-process kriminali, wiehed isib sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-**<u>13 ta' Ottubru 2011</u>** fejn fiha l-appellant kien instab hati li kien caqlaq u /jew zamm annimali minghajr il-permessi necessarji tas-Servizzi Veterinarji bi ksur tal-**Artikolu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** u li zamm annimali fi stat hazin bi ksur tal-**artikolu 8 (2)** u **(3) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta**. Bhala piena wehel €1000 multa;

"75. Ifisser dan li l-appellant ma jistax jghid li huwa ma kellux gharfien legali dwar ir-reati taht il-**Kap 437 u 439 tal-Ligijiet ta' Malta** ghaliex bhala stat ta' fatt huwa ga kien gie mixli u misjub hati taht dawn il-Ligijiet, tant li fil-proceduri kriminali li qed jigu attakkati f'din il-kawza, huwa sahansitra gie ddikjarat bhala persuna recidiva. Ma jistax ghalhekk l-appellant jitwemmen li meta huwa rega' wettaq l-istess ghemejjel li huma projibiti taht il-**Kap 437** u **439 tal-Ligijiet ta' Malta**, huwa ma kienx jaf kellu xi dubju li dawn l-ghemejjel kienu reati. Is-

> sentenza kriminali tat-13 ta' Ottubru 2011 kellha sservi bhala gwida bizzejjed cara lill-appellant li caqlaq illegali ta' annimali u z-zamma traskurata ta' annimali huma reati skont il-ligi ghaliex huwa ga kien instab hati ta' dawn ir-reati;
>
> "76. Sfortunatament pero` l-appellant minflok tghallem mill-izbalji tieghu, ghogbu jerga' jxellef difrejh mal-gustizzja, billi inqas minn sena wara li gie kkundannat, rega' rrepeta l-istess reati. Ma jigix ghalhekk l-appellant jipprova jbella' r-ross bil-labbra, li huwa, ma kellux dehen legali dwar l-ezistenza ta' dawn ir-reati;

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

32. Fl-ewwel lok din il-Qorti tissenjala li, ghalkemm l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Istruttorja, fil-kors tal-proceduri dik il-Qorti nbidlet ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali fejn dak li jkollha quddiemha dik il-Qorti, allura Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mhijiex *"att ta' akkuza"* izda hija komparixxi [avviso per comparire] li essenzjalment jehtieg li jkun hemm indikat b'mod car l-akkuzi dedotti kontra l-imputat, minghajr il-htiega li jigu indikati l-artikoli tal-ligi formanti l-bazi tal-akkuzi. Ghalhekk, wara li l-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrati nbidlet ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali kull referenza da parti tal-appellant ghal *att ta' akkuza* f'dan il-kaz hija zbaljata.

33. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-akkuzi mhumiex cari; ghal kuntrarju mhux tali huma cari bizzejjed biex l-appellant, allura intimat, ikun jaf b'mod preciz biex kien qed jigi akkuzat, imma talli fuq il-komparixxi hemm indikati l-artikoli tal-ligijiet li jikkontemplaw l-obbligi li l-prosekuzzjoni tallega li gew miksura minnu.

Ghalhekk l-ilment tal-appellant li fir-rigward tal-akkuzi kif imnizzla fil-komparixxi gie vjolat il-principju tac-certezza u tal-prevvedibbilita` huwa legalment insostenibbli, kemm ghax l-akkuzi gew imnizzla b'mod mill-aktar car u allura kien jaf biex qed jigi akkuzat, kif ukoll ghax il-ligijiet rispettivi jistipulaw b'mod car il-piena applikabbli fil-kaz ta' ksur.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Is-Sitt Aggravju*

35. Dan huwa fis-sens li, ladarba l-Artikolu 57 kien gie applikat minghajr ma kien issemma fl-"att tal-akkuza" allura gie vjolat fil-konfront tieghu d-dritt ghal smigh xieraq. Jghid li:

> "Illi l-allegat reat illi kien akkuzat bih l-esponenti kien dak fl-artiklu 35 (1) (c) (iii) tal-Kap 437, mhux l-artiklu 57. Imma l-Qorti tal-Appell Kriminali sabitu hati ghax ddikjarat li l-artiklu 57 holoq id-delitt li kiser l-esponenti. Isegwi allura li fl-att tal-akkuza kellu jissemma l-artiklu 57, sabiex l-esponenti kien ikun jista' jiddefendi ruhu sewwa, u jissottometti dak inhar dak lil qed jghid illum."

36. L-appellat jirribatti jghid li mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali harget b'reat gdid fis-sentenza taghha, stante li l-Artikolu 57 jirrigwarda l-piena applikabbli u ma jikkontemplax reat gdid. L-appellant kien jaf mill-bidunett fuq xiex kien qieghed jigi akkuzat u dawn l-imputazzjonijiet bl-ebda mod ma gew mibdula mill-Qorti tal-Appell kriminali fil-kors tal-kawza. L-appellanti ma nstabx hati ta' reati li huma

distinti jew differenti minn dawk imfissra fl-imputazzjonijiet. Ikompli jissottometti:

> "82. Multo magis ir-riferenza ghall-**artikolu 57 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta** ma ssemmitx ghall-ewwel darba fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghaliex riferenza ghal dan l-artikolu **saret kemm mill-appellant stess f'pagna 5 tar-rikors tal-appell tieghu**, kif ukoll mill-prosekuzzjoni waqt it-trattazjoni verbali. Ghalhekk assolutament mhuwiex il-kaz li t-tismija tal-**artikolu 57** kienet xi haga innovattiva ghall-appellant. Ma jistax l-appellant jghid li huwa hareg sorpriz meta l-Qorti tal-Appell Kriminali semmiet dan l-artikolu fis-sentenza finali taghha. Ladarba kienu l-partijiiet infushom li ghamlu accenn ghal-dan l-artikolu waqt l-appell, kien mistenni li l-Qorti tal-Appell Kriminali tqisu wkoll meta kitbet is-sentenza finali;"

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

37. Rigward dan l-aggravju l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fl-aggravji precedenti, partikolarment fl-ezami tal-hames aggravju, u tirribadixxi li l-akkuzi huma imfassla f'termini cari bl-indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi formanti l-bazi tal-akkuzi, u allura l-appellant kien jaf, jew ragjonevolment seta' kien jaf anke bl-assistenza tal-avukat tieghu, bil-precizjoni b'liema reati kien qed jigi akkuzat, b'mod li seta' jiddefendi ruhu minnhom.

38. Inoltre, il-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali, wara s-sejbien ta' htija, applikat il-piena kontemplata fl-Artikolu 57 tal-Kap.437 ma jbiddel xejn mill-akkuzi li hu kien gie akkuzat bihom ghax dan l-artikolu jikkontempla l-piena ghall-ksur tal-obbligu kontemplat fl-Artikolu 35 tal-istess Kap.u

kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant l-Artikolu 57 ma jikkontemplax reat distint minn dak li hu gie akkuzat bih.

39. Apparti minnhekk, kif senjalat mill-appellat, l-Artikolu 57 issemma fir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk ma jistax validament jinghad li l-appellant ma kellux opportunita li jiddefendi ruhu anke abbazi ta' dak l-artikolu quddiem dik il-Qorti.

40. Ghalhekk, kemm ghax l-akkuzi kif dedotti fil-komparixxi huma cari, kif ukoll ghax l-appellant kellu l-opportunita` li jghid tieghu anke fir-rigward tal-Artikolu 57, it-tezi li hu sofra vjolazzjoni ta' dritt ghal smigh xieraq hija legalment u fattwalment insostenibbli.

41. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tiddecidi dwar l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata;  bl-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell jkunu a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm